Nru./No. 21,200
Prezz/Price
€9.00

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

**Il-Ġimgħa, 1 ta' Marzu, 2024**
**Friday, 1st March, 2024**

**Pubblikata b'Awtorità**
**Published by Authority**

## SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 2225 - 2259
*Government Notices* ..... *2225 - 2259*

Avviżi tal-Pulizija ..... 2260 - 2266
*Police Notices* ..... *2260 - 2266*

Avviżi lill-Baħħara ..... 2266 - 2267
*Notices to Mariners* ..... *2266 - 2267*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 2267 - 2388
*Employment Opportunities* ..... *2267 - 2388*

Avviżi tal-Gvern ..... 2388 - 2398
*Notices* ..... *2388 - 2398*

Offerti ..... 2398 - 2406
*Tenders* ..... *2398 - 2406*

Avviżi tal-Qorti ..... 2406 - 2420
*Court Notices* ..... *2406 - 2420*

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 275**

### IL-PRESIDENT TA' MALTA JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-President ta' Malta reġa' daħal għall-qadi tad-dmirijiet tal-kariga tiegħu ta' President nhar il-Ħamis, 29 ta' Frar, 2024.

Il-Prof. Frank Bezzina ma baqax jaqdi l-funzjonijiet ta' President.

L-1 ta' Marzu, 2024

**Nru. 276**

### ATT DWAR L-AWTORITÀ TAL-ARTIJIET (KAP. 563)

#### Ħatra tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija skont l-Artikolu 10(1) tal-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet, il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, approvaw il-ħatra/ħatru il-persuni li ġejjin biex iservu fuq il-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet, u għandhom jibqgħu validi sal-14 ta' Frar, 2025.

*Chairperson*
Dott. John Vassallo

*Viċi Chairperson*
Dott. Ernest Azzopardi

*Membri*
Dott. Maria Cardona
Is-Sur Paul J. Mifsud
Il-Perit Odette Lewis
Il-Perit Joseph Scalpello
Il-Perit Cleaven Tabone
Dott. Paula Axiak
L-Onor. Alex Muscat
L-Onor. Stanley Zammit

*Segretarja*
Is-Sa Mylene k/a Milaine Portelli

L-1 ta' Marzu, 2024

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 275**

### RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRESIDENT OF MALTA

IT is notified for general information that the President of Malta has resumed the functions of the Office of the President on Thursday, 29th February, 2024.

Prof. Frank Bezzina has ceased to perform the function of President.

1st March, 2024

**No. 276**

### LANDS AUTHORITY ACT (CAP. 563)

#### Appointment of the Board of Governors of the Lands Authority

IT is hereby notified for general information that, in exercise of the powers conferred by Article 10(1) of the Lands Authority Act, the Prime Minister and the Minister for Lands and the Implementation of the Electoral Programme, have confirmed the appointment/appointed the following persons to serve on the Board of Governors of the Lands Authority, and shall remain valid till the 14th February, 2025.

*Chairperson*
Dr John Vassallo

*Deputy Chairperson*
Dr Ernest Azzopardi

*Members*
Dr Maria Cardona
Mr Paul J. Mifsud
Arch. Odette Lewis
Arch. Joseph Scalpello
Arch. Cleaven Tabone
Dr Paula Axiak
Hon. Alex Muscat
Hon. Stanley Zammit

*Segretary*
Ms Mylene k/a Milaine Portelli

1st March, 2024

**Nru. 277**

**ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 552)**

**Kummissjoni tal-Ippjanar**

SKONT l-Artikolu 65(2) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar qed jerġa' jikkonferma l-ħatra ta' Dott. Pierre Hili sabiex iservi bħala membru fuq il-Kummissjoni tal-Ippjanar fi ħdan l-Awtorità tal-Ippjanar fil-fergħa tal-Skema ta' Regolarizzazzjoni. Din il-ħatra hija effettiva mill-1 ta' Marzu, 2024, għal perjodu ta' erba' (4) snin skont il-provedimenti ta' Artikolu 65(3) tal-istess Att.

L-1 ta' Marzu, 2024

**No. 277**

**DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 552)**

**Planning Commission**

IN terms of Article 65(2) of the Development Planning Act, the Minister for Gozo and Planning has approved the re-appointment of Dr Pierre Hili to serve as a Member of the Planning Commission in the Regularisation Division. This appointment is effective from 1st March, 2024, for a period of four (4) years as per provisions in Article 65(3) of the Development Planning Act.

1st March, 2024

**Nru. 278**

**TRIBUNAL DWAR SERVIZZI FINANZJARJI**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 21 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap. 330) u artikolu 2 tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji (Kap. 345), il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol għoġbu jaħtar dawn il-membri fuq it-Tribunal dwar Servizzi Finanzjari għat-tliet (3) snin li ġejjin b'seħħ mill-25 ta' Frar, 2024, kif ġej:

*Chairman*
Dott. Ian Stafrace, LLD

*Membri*
Dott. Nicholas Valenzia, BA, LLD, LLM (Wales)
Is-Sur Joseph Azzopardi, FCCA, FIA, CPA, MBA (Warwick)

*Segretarju*
Dott. Ivan Sammut, Dip. Bus. Law and Acc., Adv. Trib. Eccl. Melit., MA (Fin. Serv.), LLD

Huwa magħruf ukoll li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 57(1) talAtt dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni (Kap. 403), il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol għoġbu jaħtar dawn il-membri sostituti fuq it-Tribunal għas-Servizzi Finanzjarji għall-finijiet ta' proċeduri li joħorġu taħt l-Att tal-Kummerċ tal-Assigurazzjoni kif ġej.

*Membri Sostituti*
Dott. Joseph M. Sammut, LLD
Is-Sur Robert Ducker, B.Sc. (Hons) Financial Services (UMIST), ACIB

Il-25 ta' Frar, 2024

**No. 278**

**FINANCIAL SERVICES TRIBUNAL**

IT is hereby notified for general information that, in exercise of the powers conferred by Article 21 of the Malta Financial Services Authority Act (Cap. 330) and article 2 of the Financial Markets Act (Cap. 345), the Minister for Finance and Employment has appointed these members on the Financial Services Tribunal for a period of three (3) years with effect from 25th February, 2024, as follows:

*Chairman*
Dr Ian Stafrace, LLD

*Members*
Dr Nicholas Valenzia, BA, LLD, LLM (Wales)
Mr Joseph Azzopardi, FCCA, FIA, CPA, MBA (Warwick)

*Secretary*
Dr Ivan Sammut, Dip. Bus. Law and Acc., Adv. Trib. Eccl. Melit., MA (Fin. Serv.), LLD

It is further notified that, in exercise of the powers conferred by Article 57(1) of the Insurance Business Act (Cap. 403), the Minister for Finance and Employment has appointed the following substitute members on the Financial Services Tribunal for the purpose of procedures arising under the Insurance Business Act.

*Substitute Members*
Dr Joseph M. Sammut, LLD
Mr. Robert Ducker, B.Sc. (Hons) Financial Services (UMIST), ACIB

25th February, 2024

**Nru. 279**

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI**

**Ħatra tal-Membri tal-Bord ta' Festivals Malta**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd li l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali approva l-emenda li ġejja fil-membri tal-Bord ta' Festivals Malta:

*Membri*
Is-Sur Ray Xuereb (biex jieħu post is-Sa Bernardette Tedesco Triccas); ħatra b'seħħ mit-22 ta' Frar, 2024, u valida sat-12 ta' Ġunju, 2025.

Is-27 ta' Frar, 2024

**Nru. 280**

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI**

**Ħatra tan-National Orchestra Limited**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd li l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali approva bħala Chairperson u Diretturi tan-National Orchestra Limited:

*Membri*
Is-Sa Ruth Vella Micallef (bħala Chairperson); il-ħatra għal perjodu ta' tliet (3) snin b'seħħ mis-16 ta' Jannar, 2024;

Is-Sur George Curmi (bħala Direttur); il-ħatra għal perjodu ta' tliet (3) snin b'seħħ mis-16 ta' Jannar, 2024;

Is-Sa Mary Anne Camilleri; il-ħatra għal perjodu ta' tliet (3) snin b'seħħ mis-16 ta' Jannar, 2024.

Is-27 ta' Frar, 2024

**Nru. 281**

**WASTESERV (MALTA) LTD**

**Ħatra tal-Bord tad-Diretturi**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir approvat il-ħatra tal-persuni li ġejjin sabiex iservu fuq il-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija WasteServ (Malta) Ltd għal perjodu ta' sena (1) b'seħħ mit-22 ta' Frar, 2024.

**No. 279**

**MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT**

**Appointment of Members of the Festivals Malta Board**

IT is hereby notified for general information that the Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government has approved the following amendment of the Members of the Festival Malta Board:

*Members*
Mr Ray Xuereb (to substitute Ms Bernardette Tedesco Triccas); appointment is with effect from 22nd February, 2024, and valid up to 12th June, 2025.

27th February, 2024

**No. 280**

**MINISTRY FOR THE NATIONAL HERITAGE, THE ARTS AND LOCAL GOVERNMENT**

**Appointment of the National Orchestra Limited**

IT is hereby notified for general information that the Minister for the National Heritage, the Arts and Local Government has approved the following as Chairperson and Directors at the National Orchestra Limited:

*Members*
Ms Ruth Vella Micallef (as Chairperson ); the appointment for the period of three (3) years is with effect from 16th January, 2024;

Mr George Curmi (as Director); the appointment for the period of three (3) years is with effect from 16th January, 2024;

Ms Mary Anne Camilleri the appointment for the period of three (3) years is with effect from 16th January, 2024.

27th February, 2024

**No. 281**

**WASTESERV (MALTA) LTD**

**Appointment of the Board of Directors**

IT is notified for general information that, the Minister for the Environment, Energy, and Regeneration of the Grand Harbour has approved the appointment of the following persons to serve on the Board of Directors of WasteServ (Malta) Ltd for a period of one (1) year effective from 22nd February, 2024.

*Chairperson*
Il-Prof. Frank Bezzina

*Deputat Chairperson*
Is-Sa Helen Caruana

*Membri*
Is-Sa Kirsten Ancilleri
Is-Sur Colin Borg
Is-Sur Christopher Cutajar
Is-Sa Joanne Galdes
Is-Sa Dorita Maniscalco

*Segretarju*
Dott. Kyle Borg

Is-26 ta' Frar, 2024

**Nru. 282**

**WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI**

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:

***Uffiċjali/Impjegati Pubbliċi***
*(Pulizija Eżekuttiva)*
Brignone Carachi, il-Kuntistabbli Aiden
Chetcuti, is-Surġent Rohana
Vella, is-Surġent Denise

***Avukati***
Camilleri, Dott. Matthew
Galea Borg, Dott. Maria Clara
Vella Tanti, Dott. Demi

B'Awtorità
Jonathan Attard
*Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni*

L-1 ta' Marzu, 2024
MJEG 21/2021/3
MJEG 21/2020/III

*Chairperson*
Prof. Frank Bezzina

*Deputy Chairperson*
Ms Helen Caruana

*Members*
Ms Kirsten Ancilleri
Mr Colin Borg
Mr Christopher Cutajar
Ms Joanne Galdes
Ms Dorita Maniscalco

*Secretary*
Dr Kyle Borg

26th February, 2024

**No. 282**

**WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR**

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice and Reform of the Construction Sector appointed as Commissioners for Oaths, in the performance of their duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

***Public Officers/Employees***
*(Executive Police)*
Brignone Carachi, Constable Aiden
Chetcuti, Sergeant Rohana
Vella, Sergeant Denise

***Advocates***
Camilleri, Dr Matthew
Galea Borg, Dr Maria Clara
Vella Tanti, Dr Demi

By Authority
Jonathan Attard
*Minister for Justice and Reform of the Construction Sector*

1st March, 2024

**Nru. 283**

**INTERCONNECT (MALTA)**

**Ħatra fuq il-Bord tad-Diretturi**

NGĦARRFU b'din illi skont l-Artikolu 5.1 tal-Artikli tal-Assoċjazzjoni ta' Interconnect (Malta) inħatret Dott. Bryony Balzia Bartolo bħala Segretarja fuq il-Bord tad-Diretturi tal-Kumpanija b'seħħ mit-23 ta' Frar, 2024 sas-6 ta' Novembru, 2024.

Is-27 ta' Frar, 2024

**No. 283**

**INTERCONNECT (MALTA)**

**Appointment on the Board of Directors**

IT is hereby notified that in terms of Article 5.1 of the Articles of Association of Interconnect (Malta) has appointed Dr Bryony Balzia Bartolo as a Secretary on the Board of Directors of the Company with effect from 23rd February, 2024, until 6th November, 2024.

27th February, 2024

**Nru. 284**

**PERSUNI LI GEW IPPRIVATI MIC-CITTADINANZA MALTIJA**

IL-LISTA li ġejja ta' persuni li ġew ipprivati miċ-ċittadinanza Maltija bejn l-1 ta' Jannar, 2024 u t-23 ta' Frar, 2024, hija ppublikata għall-informazzjoni ta' kulħadd skont id-dispożizzjonijiet tar-regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 188.07.

| Isem<br>*Name* | Kunjom<br>*Surname* |
|---|---|
| Cherryl Gitanes | Baguio |

L-1 ta' Marzu, 2024

**No. 284**

**PERSONS DEPRIVED OF MALTESE CITIZENSHIP**

THE following list of persons who have been deprived of Maltese citizenship from 1st January, 2024 until 23rd February, 2024, is being published for general information in accordance with the provisions of regulation 4 of Subsidiary Legislation 188.07.

1st March, 2024

**Nru. 285**

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIGENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR**

**Sejħa għall-Offerti (ITB) għal Appoġġ Finanzjarju għall-Elettriku minn Stallazzjonijiet li jipproduċu Elettriku minn Sorsi ta' Enerġija li Jiġġeddu b'Kapaċità minn 40kWp sa inqas minn 1000kWp**

SABIEX ikompli jinkoraġġixxi l-użu aħjar tal-enerġija li qed tiġi ġġenerata minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu fil-pajjiż, u skont ir-regolament 5 Regolamenti dwar Regoli għall-Offerti Kompetittivi għal Stallazzjonijiet li Jipproduċu l-Elettriku minn Sorsi ta' Enerġija li Jiġġeddu (L.S. 545.39), il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir ('l-Awtorità Kontraenti') qed iħabbar it-tnedija tal-proċessi għas-Sejħiet għall-Offerti (ITB) għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju għall-elettriku ġġenerat Stallazzjonijiet ġodda li jipproduċu Elettriku minn Sorsi ta' Enerġija li Jiġġeddu b'kapaċità minn 40kWp sa inqas minn 1000kWp.

Dan l-Avviż tal-Gvern jipprovdi għal erbgħa(4) sejħiet (ITB) għall-allokazzjoni ta' għajnuna fuq l-elettriku

**No. 285**

**MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, ENERGY, AND REGENERATION OF THE GRAND HARBOUR**

**Invitation to Bid (ITB) for Financial Support for electricity from Installations Producing Electricity from Renewable Sources with Capacity from 40kWp up to less than 1000kWp**

IN order to further encourage the better use of the energy being generated from renewable energy sources by the country, and in terms of regulation 5 of the Competitive Bidding Rules for Installations Producing Electricity from Renewable Energy Sources Regulations (S.L. 545.39), the Ministry for the Environment, Energy, and Regeneration of the Grand Harbour ('Contracting Authority') is announcing the launch of the Invitation to Bid (ITB) processes for the award of financial support for electricity from new Installations producing electricity from with a capacity from 40kWp up to less than 1000kWp.

This Government Notice provides for four (4) invitation to Bid (ITB) calls for the allocation of aid for electricity

ġġenerat minn Sorsi ta' Enerġija li jiġġeddu b' kapaċitajiet ta' ġenerazzjoni minn 40kW sa inqas minn 200kW, u minn 200kW sa inqas minn 1000kW rispettivament; b' kull sejħa għall-allokazzjoni tal-għajnuna tinkludi sejħa għal kull wahda miż-żewġ kategoriji biż-żewġ ITBs jinżammu fl-istess żmienijiet kif ġej u skont din l-iskeda li ġejja:

produced from renewable energy generation capacities from 40kW up to less than 200kW and from 200kW up to less than 1000kW, respectively; with each of these calls consisting of an ITB for each of the two categories with both ITBs running concurrently and in accordance with the following schedule:

| **Sejħa ITB**<br>***ITB Call*** | **Data tal-bidu/ftuħ għas-sottomissjoni tal-offerti**<br>***Start Date for the Submission of Bids*** | **Data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-offerti**<br>***Closing Date for the Submission of Bids*** |
|---|---|---|
| Sejħa Nru 1<br>*Call No 1* | Il-Ġimgħa, 26 ta' April, 2024<br>*Monday, 17th June, 2024* | Il-Ġimgħa, 3 ta' Mejju, 2024<br>*Friday, 3rd May, 2024* |
| Sejħa Nru 2<br>*Call No 2* | It-Tnejn, 17 ta' Ġunju, 2024<br>*Monday, 17th June, 2024* | It-Tnejn, 24 ta' Ġunju, 2024<br>*Monday, 24th June, 2024* |
| Sejħa Nru 3<br>*Call No 3* | It-Tnejn, 26 ta' Awissu, 2024<br>*Monday, 26th August, 2024* | It-Tnejn, 2 ta' Settembru, 2024<br>*Monday, 2nd September, 2024* |
| Sejħa Nru 4<br>*Call No 4* | It-Tnejn, 4 ta' Novembru, 2024<br>*Monday, 4th November, 2024* | It-Tnejn, 11 ta' Novembru, 2024<br>*Monday, 11th November, 2024* |

Sabiex tiġi żgurata l-proċedura ta' offerti kompetittiva, il-Gvern iddeċieda li l-kapaċita' li se tkun disponibbli għall-allokazzjoni ta' għajnuna fis-sejħiet u f' kull kategorija, se tkun il-medja tal-kapaċitajiet totali tal-offerti validi mitfugħa u miftuħa fl-iktar tliet sejħiet riċenti suċċessivi fil-kategorija rispettiva, imnaqqsa b' 10%. Il-kapaċita' disponibbli għall-allokazzjoni ta' għajnuna, hekk ikkalkulat, se tkun ippublikata fid-dokument tal-ITB ta' kull sejħa rispettiva. Il-Gvern jista' jirrevedi l-metodoloġija wżata għall-kalkolu tal-kapaċitajiet disponibbli għall-allokazzjoni tal-għajnuna. Fi kwalunkwe każ il-kapaċità totali disponibbli għall-ITBs taħt din l-iskema għas-sena 2024 ma għandhiex taqbeż il-15MW.

In order to ensure a competitive bidding procedure, the Government has decided that the capacity to be made available for the allocation of aid for the calls and for each category shall be the average of the total capacities of valid bids received and opened in the most recent successive three bidding sessions for the respective category, less 10%. The capacity available for the allocation of aid so calculated shall be published in the ITB document of the respective Call. Government may revise the methodology used for the calculation of capacities made available for the allocation of aid. In any case the total capacity made available for ITBs under this scheme for the year 2024 shall not exceed 15MW.

L-offerti għandhom isiru strettament bl-emejl lil procurement@rews.org.mt u se jintlaqgħu mir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma li se jamministra dan il-proċess tal-offerti f'isem l-Awtorità Kontraenti, skont il-perjodi ta' żmien stabbiliti f'dan l-Avviż tal-Gvern u kif iddettaljat fid-dokument tal-ITB għal kull sejħa għall-offerti. L-offerenti magħżula huma meħtieġa li jiffirmaw kuntratt mal-Awtorità Kontraenti.

Offers are to be made strictly by email to procurement@rews.org.mt and will be received by the Regulator for Energy and Water Services, which will administer this bidding process on behalf of the Contracting Authority, in accordance with the time frames established in this Government Notice and as detailed in the ITB document for each call for bids. The selected bidders are required to sign a contract with the Contracting Authority.

Is-suġġett tal-emejl bl-offerta għandu jkun immarkat b'mod ċar skont l-istruzzjonijiet fid-dokument ITB. L-emejl procurement@rews.org.mt għandu jintuża biss għas-sottomissjoni tal-offerti, filwaqt li l-emejl regulator@rews.org.mt għandu jintuża għal kwalunkwe korrispondenza oħra relatata mal-ITBs.

The subject of the email containing the offer shall be clearly marked in accordance with the instructions in the ITB document. The email procurement@rews.org.mt shall be used only for the submission of offers and the email regulator@rews.org.mt shall be used for any other correspondence related to the ITBs.

L-Informazzjoni għar-rigward ta' laqgħat ta' kjarifiki fir-rigward tal-ITBs skedati se tiġi ppubblikata flimkien mad-dokumenti rispettivi tal-ITB. Id-dokument ta' Sejħa Nru 1 se jiġi ippubblikat nhar l-1 ta' Marzu 2024. Id-Dokument

The information regarding clarifications meetings with respect to the scheduled ITBs will be published together with the respective ITB documents. The ITB document for Call 1 will be published on the 1st March 2024. ITB documents for

tal-ITBs għas-sejħiet suċċessivi se jiġu ippublikati tmien(8) ġimgħat qabel id-data tal-ftuħ tal-perjodi ta' sottomissjoni tal-offerti rispettivi.

Id-dokumenti tal-offerta, il-minuti tal-laqgħa ta' kjarifiki u l-fajls relatati kollha se jiġu ppubblikati fuq (https://www.rews.org.mt/#/en/tenders/224).

Il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir jirriżerva d-dritt li jirrifjuta anke l-iktar offerta vantaġġuża.

Il-Gvern jirriżerva d-dritt li jirrevedi jew jemenda dan l-Avviż tal-Gvern, minn żmien għal żmien, kif meħtieġ fid-diskrezzjoni assoluta tiegħu stess.

L-1 ta' Marzu, 2024

**Nru. 286**

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR**

**Sejħa għall-Offerti (ITB) għal Appoġġ Finanzjarju għall-Elettriku minn Stallazzjonijiet li Jipproduċu l-Elettriku minn Sorsi ta' Enerġija li Jiġġeddu b' kapaċità ta' 1000kW jew aktar**

SABIEX ikompli jinkoraġġixxi l-użu aħjar tal-enerġija li qed tiġi ġġenerata minn sorsi ta' enerġija li jiġġeddu fil-pajjiż, u skont ir-regolament 5 tar-Regolamenti dwar Regoli għall-Offerti Kompetittivi għal Stallazzjonijiet li Jipproduċu l-Elettriku minn Sorsi ta' Enerġija li Jiġġeddu (L.S.545.39), il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir ('l-Awtorità Kontraenti') qed jgħarraf illi:

Minn nofsinhar tas-26 ta' April, 2024 sa nofsinhar tat-3 ta' Mejju, 2024, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma, li se jamministra dan il-proċess tal-offerti f'isem l-Awtorità Kontraenti, se jkun qiegħed jilqa' offerti għal:

Avviż Nru. MEER/ITB/03/2024 – Sejħa għall-Offerti għal għajnuna Finanzjarja għall-Elettriku minn Stallazzjonijiet li Jipproduċu l-Elettriku minn Sorsi ta' Enerġija li jiġġeddu b'kapaċita ta' 1000kW jew aktar.

Qiegħda tiġi offruta kapaċità totali ta' 38,000kW.

L-offerti għandhom isiru strettament bl-emejl lil ITBMWplus@rews.org.mt. Is-suġġett tal-emejl bl-offerta għandu jkun immarkat b'mod ċar skont l-istruzzjonijiet fid-dokument tal-ITB. L-emejl ITBMWplus@rews.org.mt għandu jintuża biss għas-sottomissjoni tal-offerti, filwaqt li l-emejl regulator@rews.org.mt għandu jintuża għal kwalunkwe korrispondenza oħra relatata mal-ITBs.

successive calls will be published eight(8) weeks prior to the start of the respective bids submission period.

The bid documents, clarification meeting minutes, and all related files will be published on (https://www.rews.org.mt/#/en/tenders/224).

The Ministry for the Environment, Energy and Regeneration of the Grand Harbour reserves the right to refuse even the most advantageous offer.

The Government reserves the right to revise or amend this Government Notice from time to time as necessary in its own absolute discretion.

1st March, 2024

**No. 286**

**MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, ENERGY, AND REGENERATION OF THE GRAND HARBOUR**

**Invitation to Bid (ITB) for Financial Support for Electricity from Installations Producing Electricity from Renewable Energy Sources with a Capacity equal to or larger than 1000kW**

IN order to further encourage the better use of the energy being generated from renewable energy sources by the country, and in terms of regulation 5 of the Competitive Bidding Rules for Installations Producing Electricity from Renewable Energy Sources Regulations (S.L.545.39), the Ministry for the Environment, Energy, and Regeneration of the Grand Harbour ('Contracting Authority') notifies that:

From noon of 26th April, 2024 to noon of 3rd May, 2024, the Regulator for Energy and Water Services, who will administer this bidding process on behalf of the Contracting Authority, will be receiving offers for:

Advt No. MEER/ITB/03/2024 - Invitation to bid (ITB) for Financial Support for Electricity from Installations Producing Electricity from Renewable Energy Sources with a Capacity equal to or larger than 1000kW.

The total capacity offered is 38,000kW.

Offers are to be made strictly by email to ITBMWplus@rews.org.mt. The subject of the email containing the offer shall be clearly marked in accordance with the instructions in the ITB document. The email ITBMWplus@rews.org.mt shall be used only for the submission of offers and the email regulator@rews.org.mt shall be used for any other correspondence related to the ITBs.

Il-formoli ta' din l-offerta se jiġu ppubblikati fl-1 ta'Marzu 2024. Il-formoli ta' din l-offerta, informazzjoni dwar laqgħa ta' kjarifiki, u d-dokumenti relatati kollha se jiġu ppubblikati fuq (https://www.rews.org.mt/#/en/tenders/224).

L-offerenti magħżula huma meħtieġa li jiffirmaw kuntratt mal-Awtorità Kontraenti.

Il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir jżomm id-dritt li jirrifjuta anke l-aktar offerta vantaġġuża.

L-1 ta' Marzu, 2024

**Nru. 287**

**AĠENZIJA GĦAL INFRASTRUTTURA MALTA**

**Tlestija tal-Formazzjoni tat-Triq u Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ**

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu tmintax (18) tal-Avviż Legali 291 tal-2018, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tavża bl-intenzjoni tagħha illi tlesti l-formazzjoni ta':

Triq il-Kurvetti, Paola (indikat fuq il-pjanta fuq il-paġna 2233).

Kull persuna illi skont il-liġi għandha l-obbligu li tifforma din it-triq (inkluż billi takkwista l-art neċessarja għall-istess formazzjoni) għandha sa ħmistax-il (15) jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż sabiex twettaq l-obbligi tagħha skont il-liġi. Fin-nuqqas, l-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħaddi sabiex tagħmel l-istess xogħol ta' formazzjoni hi stess skont is-saħħa lilha mogħtija mil-liġi u a spejjeż tal-persuni li huma legalment obbligati jiffurmaw it-triq.

L-Aġenzija għal Infrastruttura Malta tgħarraf li bejn il-11ta'Marzu, 2024 u il-31ta' Awwissu, 2024, se tkun qed tibda xogħlijiet fi Triq il-Kurvetti, Paola. L-aċċess għall-vetturi u l-parkeġġ f'din it-triq jistgħu jkunu ristretti waqt ċerti xogħlijiet. Tabelli awtorizzati minn Transport Malta biex jinfurmaw lill-pubbliku li ma jistax isir parkeġġ jitwaħħlu fil-post konċernat qabel ma jidħlu fis-seħħ tali restrizzjonijiet tal-parkeġġ.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż u t-tabelli relatati fuq il-post biex ma jsirx parkeġġ, ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Aktar informazzjoni jew għajnuna tista' tinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (info.im@infrastructuremalta.com.).

L-1 ta' Marzu, 2024

The ITB document will be published on the 1st March 2024. The ITB document, information concerning a clarification meeting, and all related files will be published at (https://www.rews.org.mt/#/en/tenders/224).

The selected bidders are required to sign a contract with the Contracting Authority.

The Ministry for the Environment, Energy and Regeneration of the Grand Harbour reserves the right to refuse even the most advantageous offer.

1st March, 2024

**No. 287**

**AGENCY FOR INFRASTRUCTURE MALTA**

**Completion of Road Formation and Traffic and Parking Suspension**

IN virtue of Article eighteen (18) of Legal Notice 291 of 2018, the Agency for Infrastructure Malta hereby gives official notice of its intention to complete the formation of:

Triq il-Kurvetti, Paola (indicated on site plan on page 2233).


Any person who is obliged by law to form said road (including by acquiring land necessary for the same formation) has fifteen (15) days from the date of the publication of this notice within which to comply with his obligations at law. In default, the Agency for Infrastructure Malta shall itself proceed with the formation of this road in accordance with its powers at law and at the expense of those persons whose obligation it is to form the road.

The Agency for Infrastructure Malta notifies that between 11th March, 2024 and 31st August, 2024, it will be starting road works in Triq il-Kurvetti, Paola. Vehicular access and on-street parking in this road may be restricted during certain works. 'No parking' signs authorised by Transport Malta will be affixed on site before such parking restrictions come in force.

Vehicles found in contravention to the order of this notice and to the related 'no parking' signs on site are liable to be towed.

Further assistance or information may be obtained by email to (info.im@infrastructuremalta.com).

1st March, 2024




INFRASTRUCTURE MALTA

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Revision | Revision | Drawn | Checked | Approved | Date | |

CHIEF EXECUTIVE OFFICER: Ivan Falzon

S:\Traffic Management\2022\Paola\2022 Paola.dwg

UNIT NAME: IMPLEMENTATION

HEAD OF UNIT: N.V.

PROJECT LEADER: -

DRAWN BY: -

DRAWING TITLE: RAĦAL ĠDID (PAOLA)
Triq il-Kurvetti - SITE PLAN
(Extents of works aren't binding but Indicative)

| DATE: | FILE NO: | DRAWING NO: |
|---|---|---|
| Oct 2022 | - | IMD108/22 |

| SHEET SIZE: | SCALE: | REVISION: | PAGE NO: |
|---|---|---|---|
| A4 | 1:2500 | A | 8 |

**Nru. 288**

**ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372) U ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)**

**Avviż Skont Artikolu 29 tal-Att Dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, Kap. 372; u Artikolu 73(2) tal-Att Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud**

SKONT id-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-Artikolu 29(1) tal-Att tal-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u/jew tal-Artikolu 73(2) tal-Att Dwar it-Taxxa tal-Valur Miżjud, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana b'dan javża lill-persuni/kumpaniji msemmija aktar 'l isfel biex imorru l-uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, Verification and Audit Directorate, 7, Triq il-Masġar, Ħal Qormi QRM 3217, fi żmien tletin ġurnata minn dan l-avviż sabiex jiġbru l-avviż/i maħruġa fuqhom.

| *Isem* | *Referenza* |
|---|---|
| Claire Cassar | 187271M |
| Clean Water Technologies Malta Ltd | 999718422 C90705 |
| Boaz Shitzer | 29030191 |
| Authority for Transport in Malta | 950677124 |
| Bernard Deguara | 207366M |
| Plus Five Gaming Limited | 994872804 C47089 |
| Andrew Martin Jones | 522572997 |

L-1 ta' Marzu, 2024

**No. 288**

**INCOME TAX MANAGEMENT ACT (CAP. 372) AND VALUE ADDED TAX ACT (CAP. 406)**

**Notice in terms of Article 29 of the Income Tax Management Act, Cap. 372; and Article 73(2) of the Value Added Tax Act, Cap. 406**

IN terms of the proviso to Article 29(1) of the Income Tax Management Act and/or Article 73(2) of the Value Added Tax Act, the Commissioner for Tax and Customs hereby notifies the persons/companies listed hereunder to call at the Verification and Audit Directorate, Office of the Commissioner for Tax and Customs, 7, Triq il-Masġar, Ħal Qormi QRM 3217, within thirty days of this notice to collect the notice/s issued on such persons/companies.

| *Name* | *Reference* |
|---|---|
| Claire Cassar | 187271M |
| Clean Water Technologies Malta Ltd | 999718422 C90705 |
| Boaz Shitzer | 29030191 |
| Authority for Transport in Malta | 950677124 |
| Bernard Deguara | 207366M |
| Plus Five Gaming Limited | 994872804 C47089 |
| Andrew Martin Jones | 522572997 |

1st March, 2024

**Nru. 289**

**ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

| Data<br>*Date* | Deheb Pur<br>Gramma<br>*Pure Gold*<br>*Grams* | Fidda Pura<br>Gramma<br>*Pure Silver*<br>*Grams* |
|---|---|---|
| 1.3.2024 | €60.404 | €0.666 |

L-1 ta' Marzu, 2024

**No. 289**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

1st March, 2024

**No. 290**

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL**

**Noti ta' Spjegazzjoni[1]**

**1. Introduzzjoni**

| | |
|---|---|
| **Titolu tal-Avviż Legali** | Regolamenti tal-2024 li jemendaw is-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar Dazju tas-Sisa |
| **Għan tar-regolamenti** | Li jkomplu jimplimentaw id-Direttiva tal-Kunsill 95/60/KE tas-27 ta' Novembru 1995 dwar l-immarkar fiskali tan-nafti u tal-pitrolju |
| **Entità responsabbli** | Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol (Dipartiment tad-Dwana). |

**2. Taqsira u l-isfond**

Direttiva 95/60/KE tipprovdi għall-sistema markeġġ komuni biex jiġu identifikati n-nafti u l-pitrolju li jkunu ġew rilaxxjati għall-konsum u jkunu eżenti mid-dazju tas-sisa jew ikollhom rata ta' dazju ridotta.

Id-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/14 u 2011/544/EU stabbilew il-prodott Solvent Yellow 124 bħala sistema ta' mmarkar komuni għall-immarkar tan-nafti u pitrolju.

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq u wara li rriżultaw u ġew identifikat nuqqasijiet, ACCUTRACE™ PLUS ġie stabbilit bħala marka fiskali komuni flok Solvent Yellow 124.

Ġie stabbilit livell ta' markeġġ bħala faxxa armoniżżata sabiex tiffaċilita l-implimentazzjoni u l-kontrol tal-konformita' fl-Unjoni.

**3. Ħarsa Ġenerali tal-Istruttura tal-Istrument**

L-istrument jikkonsisti f'regolament li jemenda t-Taqsima D tas-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta).

**4. Kummentarju**

L-emenda tikkonsisti f'emendi tar-regolament 17 eżistenti tat-Taqsima D tas-Sitt Skeda li tinsab mal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta) billi jibdel is-sutanza Solvent Yellow 124 ma' ACCUTRACE™ PLUS (butoxybenzene) bħala marka fiskali komuni.

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma għall-fini ta' u skont l-Artikolu 3(2)(ċ) u Skeda III tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-emendi jistipulaw l-ammont f'nanometri tal-marka li għandha tiżdied man-nafti u pitrolju rispettivament u l-assorbenza tal-kulur li għandha tirriżulta biex jiġi sodisfatti r-rekwiżiti ta' dan ir-regolament biex ikun jista' jkun hemm kejli permezz tal-marka fiskali komuni.

**5. Sezzjoni Konklużiva**

Id-dispożizzjonijiet kollha ta' dawn ir-regolamenti proposti għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Minkejja l-fatt li dawn ir-regolamenti ġew ikklassifikati li jimpatu n-Negozji ż-Żgħar, peress li jikkonsistu f'transpożizzjoni tal-liġi, huma jikkwalifikaw bħala eżenzjoni taħt ir-Regolamenti dwar Eżenzjonijiet taħt l-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (L.S. 512.01.) u b'hekk il-perjodu ta' waqfien ta' xahrejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom mhuwiex rikjest għaliex ma japplikax.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lid-Dipartiment tad-Dwana permezz tal-email fuq (malta.customs@gov.mt) jew bit-telefon fuq +356 23783310, 23783311 u 23783312.

**N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġislattiv għalih. Dawn in-Noti mhumiex deċiżjoni awtorevoli dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.**

**Anness**

**(għall-fini tal-paragrafu (vi) ta' Skeda III tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta)**

| **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/197 tas-17 ta' Jannar 2022 li tistabbilixxi indikatur fiskali komuni għaż-żjut tal-gass u għall-pitrolju** | **Avviż Legali** |
|---|---|
| Artikoli 1 u 2 | Regolament 17(2) u (3) tat-Taqsima D tas-Sitt Skeda li li tinsab mal-Att dwar Dazju tas-Sisa |

L-1 ta' Marzu, 2024

**No. 290**

**MINISTRY FOR FINANCE AND EMPLOYMENT**

**Explanatory Notes**[1]

**1. Introduction**

| | |
|---|---|
| **Title of Legal Notice** | Excise Duty Act (Amendment of Sixth Schedule) Regulations, 2024 |
| **Scope of the regulations** | To further implement Council Directive 95/60/EC of 27 November 1995 regarding the Fiscal Markings of Gas Oils and Kerosene |
| **Responsible entity** | Ministry for Finance and Employment (Customs Department). |

**2. Summary and background**

Directive 95/60/EC provides for a common marking system to identify gas oils and kerosene, which have been released for consumption exempt from excise duty, or subject to a reduced excise duty rate.

Commission Implementing Decisions (EU) 2017/14 and 2011/544/EU established the product Solvent Yellow 124 as the common fiscal marker for the marking of gas oils and kerosene.

In view of the foregoing and following the identification of certain shortcomings, ACCUTRACE™ PLUS was established as the common fiscal marker instead of Solvent Yellow 124.

The marking level has been set at a harmonised range to facilitate implementation and control of compliance across the Union.

**3. Overview of the structure of the instrument**

The instrument consists of one regulation which amends Part D of the Sixth Schedule to the Excise Duty Act (Chapter 382 of the Laws of Malta).

**4. Commentary**

The amendment consists of amending existing regulation 17 of Part D of the Sixth Schedule to the Excise Duty Act (Chapter 382 of the Laws of Malta) by replacing Solvent Yellow 124 with ACCUTRACE™ PLUS (butoxybenzene) as a fiscal marker.

[1]These Explanatory Notes are for the purpose of and in accordance with Article 3(2)(c) and Schedule III of Chapter 512 of the Laws of Malta.

The amendments stipulate the amount in nanometres of the marker to be added to mineral oils and kerosene respectively and the colour absorbence to be yielded to satisfy the requirements of this regulation and to effectivley enable the guaging of the marker.

**5. Concluding Section**

All the provisions of these proposed regulations shall come into force on their date of publication in the Gazette.

Despite the fact that these regulations have been classified as impacting the Small Businesses, since they consist of a transposition of law they qualify as an exemption under the Small Business Act (Exemptions) Regulations (S.L. 512.01.) and thus the two (2) month stand-still period from their date of publications is not required as it does not apply.

For further information please contact the Customs Department by email on (malta.customs@gov.mt) or by telephone on +356 23783310, 23783311 and 23783312.

**N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or legislative supplement to it. These Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.**

**Annex**

**(for the purpose of paragraph (vi) of Schedule III of Chapter 512 of the Laws of Malta)**

| **Commission Implementing Decision (EU) 2022/197 of 17 January 2022 establishing a common fiscal marker for gas oils and kerosene** | **Legal Notice** |
|---|---|
| Articles 1 and 2 | Regulation 17(2) and (3) of Part D of the Sixth Schedule to the Excise Duty Act |

1st March, 2024

**No. 291**

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL**

**Noti ta' Spjegazzjoni[1]**

**1. Introduzzjoni**

| | |
|---|---|
| **Titolu tal-Istrument Legali** | Regolamenti tal-2024 li jemendaw it-Tieni u s-Sitt Skedi li jinsabu mal-Att dwar Dazju tas-Sisa |
| **Għan tar-regolamenti** | Li jittrasponu d-dispożizzjonijiet meħtieġa mid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/1151 tad-29 ta' Lulju 2020 li temenda d-Direttiva 92/83/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku. Din it-transposizzjoni qed issir taħt l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kap 382 tal-Liġijiet ta' Malta), speċifikament billi jiġi traspost l-Artikolu 27(1)(a) u (b) tad-Direttiva billi tiġi amendata t-Tieni skeda tal-Att u bl-introduzzjoni tas-subregolament ġdid 7 għas-Sitt Skeda tal-Att prinċipali. |
| **Entità responsabbli** | Ministeru tal-Finanzi u x-Xogħol (Dipartiment tad-Dwana). |

**2. Taqsira u l-isfond**

Għall-fini tat-taxxa tas-sisa, oġġetti fl-UE jaqgħu f'żewġ kategoriji wiesgħin: oġġetti armonizzati u oġġetti mhux armonizzati. L-oġġetti armonizzati huma: prodotti tal-enerġija, alkoħol u tabakk, filwaqt li l-oġġetti l-oħra kollha huma meqjusa bħala mhux armonizzati.

Il-proċeduri dwar il-moviment ta' oġġetti armonizzati fi ħdan l-Unjoni Ewropea huma regolati minn direttivi tal-UE, għall-kuntrarju tal-moviment ta' oġġetti mhux armonizzati.

L-ewwel leġiżlazzjoni tal-UE dwar oġġetti armonizzati tmur lura għall-1992 (Id-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku). Matul is-snin id-Direttiva tal-2008 ġiet emendata diversi drabi u fl-2020 ġiet promulgata direttiva riformulata (Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/1151 tad-29 ta' Lulju 2020 li temenda d-Direttiva 92/83/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku) (minn hawn 'il quddiem id-"Direttiva 1151/2020" jew id-"Direttiva").

L-Avviż Legali attwali jittrasponi parzjalment id-Direttiva tal-Kunsill 2020/1151 tad-29 ta' Lulju 2020 bl-introduzzjoni ta' regolamenti taħt l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ħarsa Ġenerali tal-Istruttura tal-Istrument**

Ir-regolamenti li għadhom kif ġew emendati mill-ġdid għall-Kapitolu 382 jimxu mal-istess struttura tad-Direttiva u ġew hekk trasposti.

L-istrument jikkonsisti fi tlett regolamenti:

Regolament 1 jistabbilixxi t-titolu u skop;
Regolament 2 jemenda t-Tieni Skeda;
Regolament 3 jemenda s-Sitt Skeda.

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma għall-fini ta' u skont l-Artikolu 3(2)(ċ) u Skeda III tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-armonizazzjoni tal-istrutturi tad-dazju tas-sisa fuq l-alkoħol huma regolati kemm mill-artikoli u skedi tal-Att dwar Dazju tas-Sisa kif ukoll mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti emendatati tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa.

**Kummentarju**

**3. Emendi li għandhom isiru lil-Kap. 382**

Ir-regolament 2 jikkonsisti f'żewġ emendi għat-Tieni Skeda tal-Att prinċipali:

Il-paragrafu (a) jemenda l-partita 1(a) taħt is-subintestatura "EXEMPTIONS" li tinsab fit-tabella taħt l-intestatura "Description of excise goods" tat-Tieni Skeda tal-Att prinċipali, fejn il-kliem "to the satisfaction of the Commissioner" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "in accordance with the requirements of the Member State where it has been released for consumption, where such requirements were duly notified in writing and authorised. The Commissioner shall apply Chapter V of Council Directive (EU) 2020/262 of 19 December 2019 laying down the general arrangements for excise duty (recast)".

Filwaqt il-paragrafu (b) jemenda l-partita 1(b) taħt is-subintestatura "EXEMPTIONS" li tinsab fit-tabella taħt li-intestatura "Description of excise goods" tat-Tieni Skeda tal-Att prinċipali, fejn minnufih wara l-kliem "this particular manufacturing process;" għandu jiġi miżjud dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"The Commissioner shall apply Chapter IV of Council Directive (EU) 2020/262 of 19 December 2019 laying down the general arrangements for excise duty (recast) to movements of denatured alcohol that has not yet been incorporated into a product that is not for human consumption;".

L-iskop ta' din l-emenda għall-darb'oħra huwa sabiex jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (riformulazzjoni) għall-każijiet ta' denatured alcohol li għadu mhux inkorporat fil-prodott li mhux intiż għall-konsum uman.

Ir-regolament 3 jikkonsisti f'emenda waħda għas-Sitt Skeda li tinsab mal-Att prinċipali:

Dan ir-regolament iżid is-subregolament ġdid (7) li ġej minnufih wara s-subregolament (6) tar-regolament 11 fit-Taqsima VI tar-Regolamenti dwar il-Birra tat-Taqsima E tas-Sitt Skeda li tinsab mal-Att prinċipali:

"(7) L-ingredjenti kollha tal-birra, inklużi dawk miżjuda wara li titlesta l-fermentazzjoni, għandhom jitqiesu biex jiġi mkejjel il-grad Plato.".

L-iskop ta' din l-emenda hija sabiex jiġi applikat il-grad Plato billi jiġi nklużi l-ingredjenti kollha tal-birra.

**4. Sezzjoni Konklużiva**

Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/1151 tad-29 ta' Lulju 2020 li temenda d-Direttiva 92/83/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku teħtieġ għadd ta' bidliet kożmetiċi għal-leġiżlazzjoni attwali li tirregola l-oġġetti tas-sisa armonizzati. Fil-prattika l-operazzjonijiet ta' kuljum tan-negozju kkonċernati mhux se jiġu affettwati b'mod sinifikanti peress li l-bidliet iċċaraw biss kwistjonijiet minuri li kienu diġà ġew iċċarati, partikolarment b'interpretazzjoni ġudizzjarja.

Iżda d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/1151 tad-29 ta' Lulju 2020 li temenda d-Direttiva 92/83/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku tinkudi grad importanti 'Grad Plato' u wkoll l-applikazzjoni tal-proċeduri tal-Kapitolu V tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 tad-19 ta' Diċembru 2019 li tistabbilixxi l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa (riformulazzjoni)..

Id-dispożizzjonijiet kollha ta' dawn ir-regolamenti proposti għandhom jidħlu fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Minkejja l-fatt li dawn ir-regolamenti ġew ikklassifikati li jimpatu n-Negozji ż-Żgħar, peress li jikkonsistu f'transpożizzjoni tal-liġi, huma jikkwalifikaw bħala eżenzjoni taħt ir-Regolamenti dwar Eżenzjonijiet taħt l-Att dwar l-Intrapriżi ż-Zgħar (L.S. 512.01.) u b'hekk il-perjodu ta' waqfien ta' xahrejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni tagħhom mhuwiex rikjest għaliex ma japplikax.

Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja lid-Dipartiment tad-Dwana permezz tal-email fuq malta.customs@gov.mt jew bit-telefon fuq +356 23783310, 23783311 u 23783312.

**N.B. Din in-Nota ta' Spjegazzjoni mhijiex maħsuba li tkun deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Din in-Nota mhijiex maħsuba bħala deċiżjoni awtorevoli dwar l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.**

**Anness**

(għall-fini tal-paragrafu (vi) ta' Skeda III tal-Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta)

**Noti ta' Traspożizzjoni għat-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/1151 tad-29 ta' Lulju 2020 li temenda d-Direttiva 92/83/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku fir-Regolamenti li jemendaw it-Tieni u s-Sitt Skedi li jinsabu mal-Att dwar Dazju tas-Sisa:**

| **Direttiva Artikoli numru/i** | **Regolament li jittrasponi**<br><br>Avviż Legali li jistabbilixxi regolament taħt l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kapitolu 382) |
|---|---|
| Article 27(1)<br><br>(a) when distributed in the form of alcohol which has been completely denatured in accordance with the requirements of the Member State where it has been released for consumption, where such requirements having been duly notified in writing and authorised in accordance with paragraphs 3 and 4 of this Article. Member States shall apply Chapter V of Directive 2008/118/EC;<br><br>(b) when used as part of the manufacturing process of any product not for human consumption, provided the alcohol has been denatured in accordance with the requirements of any Member State for the given use. | L-emendi għat-Tieni Skeda fil-paragrafu (a) tal-partita 1 taħt is-subintestatura "EXEMPTIONS" li tinsab fit-tabella taħt l-intestatura "Description of excise goods" tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att prinċipali u fil-paragrafu (b) tal-partita 1 taħt is-subintestatura "EXEMPTIONS" li tinsab fit-tabella taħt li-intestatura "Description of excise goods" tat-Tieni Skeda li tinsab mal-Att prinċipali, hija din li ġejja:<br><br>The products described in this Schedule are exempt from the payment of excise duty under such conditions which the Minister may prescribe for the purpose of ensuring the correct and straightforward application of such exemptions and of preventing any evasion, avoidance or abuse: |

| | |
|---|---|
| That exemption shall apply when such denatured alcohol:<br>- has been incorporated into the product not for human consumption,<br>or<br>- is used for maintenance and cleaning of the manufacturing equipment used for this particular manufacturing process<br><br>Member States shall apply Chapter IV of Directive 2008/118/EC to movements of denatured alcohol that has not yet been incorporated into a product that is not for human consumption. | 1. a. when distributed in the form of alcohol which has been completely denatured in accordance with the requirements of the Member State where it has been released for consumption, where such requirements were duly notified in writing and authorised. The Commissioner shall apply Chapter V of Council Directive (EU) 2020/262 of 19 December 2019 laying down the general arrangements for excise duty (recast).<br><br>b. when used as part of the manufacturing process of any product not for human consumption, provided the alcohol has been denatured in accordance with the requirements of any Member State for the given use.<br><br>This exemption shall apply when such denatured alcohol:<br>– has been incorporated into the product not for human consumption; or<br>– is used for maintenance and cleaning of the manufacturing equipment used for this particular manufacturing process;<br><br>The Commissioner shall apply Chapter IV of Council Directive (EU) 2020/262 of 19 December 2019 laying down the general arrangements for excise duty (recast)to movements of denatured alcohol that has not yet been incorporated into a product that is not for human consumption. |
f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit with Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

AND

iii. in possession of a recognised Master degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Agriculture, or Natural Sciences, or Food Safety, or Animal Welfare, or Anima Production, or Veterinary Science, or Veterinary Public Health, or in relevant areas as determined by Management.

*A recognised Master qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits is only accepted subject to a MQRIC formal Master recognition statement being submitted with the application. A recognised Master qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 60 ECTS/ECVET credits is acceptable provided that it is

sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS/ECVET.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 (i) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3 Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_02_13_11_44_48_General%20Provisions_ENG.pdf), xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2024. Jekk l-iskadenza ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

4.4 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew

verified by MQRIC that the workload is comparable to at least 60 ECTS/ECVET credits.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the abovementioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, b the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraphs 4.1 or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://recruitmentadmin.gov.mt/attachments/2024_02_13_11_44_48_General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st October, 2024. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

**Submission of Supporting Documentation**

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials,

dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-Għażla**

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.4, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Marzu, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;

copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

**Selection Procedures**

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.4, have proven relevant work experience.

**Submission of Applications**

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director Corporate Services, Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 15th March, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) would not be accepted.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

**Other General Provisions**

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;

bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonijiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_02_13_11_44_48_General%20Provisions_ENG.pdf) jew jinkisbu mingħand l-Assistent Direttur (People Management), Direttorat għas-Servizzi Korporattivi, Agriculture Research and Innovation Hub, Triq l-Ingiered, Ħal Luqa LQA 3300. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u indirizz elettroniku tas-sezzjoni huma (http://agrikoltura.gov.mt) u (humanresources.mafa@gov.mt).

L-1 ta' Marzu, 2024

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

**Pożizzjoni ta' Senior Manager (Paying Agency) fil-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Senior Manager (Paying Agency) fil-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.

**Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet**

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' tliet (3) snin bħala Senior Manager (Paying Agency) fl-Agenzija għall-Pagamenti Rurali, fil Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittiiet tal-Annimali, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħra.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Senior Manager (Paying Agency) hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees; renouncement of pending applications;
publication of the result; medical examination;

the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://recruitmentadmin.gov.mt/attachments/2024_02_13_11_44_48_General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from the Assistant Director (People Management), Corporate Services Directorate, Agriculture Research and Innovation Hub, Triq l-Ingiered, Ħal Luqa LQA 3300. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Section are (http://agrikoltura.gov.mt) and (humanresources.mafa@gov.mt).

1st March, 2024

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

**Position of Senior Manager (Paying Agency) in the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights**

*Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.*

1. The Permanent Secretary, Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights, invites applications for the position of Senior Manager (Paying Agency) in the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights.

**Duration of Assignment and Conditions**

2.1 A selected candidate will enter into a three (3) year assignment as a Senior Manager (Paying Agency) in the Agriculture and Rural Paying Agency, which may be renewed for further periods.

2.2 The position of Senior Manager (Paying Agency) is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.3 Peress il-pożizzjoni hija marbuta ma' terminu ta' żmien fiss, jew tkomplija ta biċċa xogħol speċifika, il-pożizzjoni ta' Senior Manager (Paying Agency) taqa' taħt Regolament 7 (4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat u għaldaqstant dan jikkostitwixxi raġuni oġġettiva skont ir-'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss.

**Salarju Marbut mal-Pożizzjoni**

3.1 Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' Senior Manager (Paying Agency) huwa ekwivalenti għal inkriment inqas mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 5 (ekwivalenti għal €35,737.33 fl-2024), li jilħaq il-massimu tal-iskala mal-konferma tal-ħatra jew tlestija ta' sena (1) servizz fil-pożizzjoni, liema waħda tiġi l-aħħar.

3.2 Persuna magħżula tkun intitolata wkoll għal:

i. Performance bonus sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku tagħha. Ir-rata attwali tiġi stabbilita b'diskrezzjoni tas-Segretarju Permanenti (MAFA);

ii. Disturbance allowance (minflok overtime) ta' 15% tas-salarju rispettiv li jista, f'ċirkustanzi eċċezzjonali u għall-perjodi speċifiċi kif awtorizzat mis-Segretarju Permanenti rispettiv, tista' tiżdied għal 25%; u

iii. Pro-rata responsibilty allowance, stabbilita għal 25% tal-iskala tas-salarju rispettiv.

**Dmirijiet**

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Senior Manager (Paying Agency) jinkludu li:

i. Jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-istrateġija u l-programmi tal-Aġenzija billi tappoġġja lid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija tal-Pagamenti fl-implimentazzjoni tal-obbligi tal-Aġenzija taħt il-Politika Agrikola Komuni tal-UE;

ii. Jappoġġja l-operat tal-Aġenzija bi prestazzjoni ta' livell għoli skont kif assenjata f'waħda mill-funzjonijiet tal-Aġenzija u dan biex ix-xogħol jitwettaq b'mod effettiv u effiċjenti, kif ukoll jimplimenta u jesegwixxi skemi, programmi, miżuri u pagamenti ffinanzjati taħt l-EAGF u l-EAFRD, b'mod orjentat lejn il-klijent;

iii. Jassumi sehem ewlieni fil-kordinament ta' inizjattivi dwar il-politika fl-Aġenzija, inklużi dawk mibdijin fuq il-livell tal-UE, sabiex jassigura li tittieħed azzjoni deċisiva u f'waqtha biex tkun definita t-triq 'il quddiem u sabiex il-pjan jitwettaq fil-ħin u b'mod korrett fl-ambitu tar-riżorsi disponibbli;

iv. Jirrappreżenta lill-Aġenzija tal-Pagamenti, il-Ministeru responsabbli u/jew lil Malta kif u fejn meħtieġ, kemm fuq livell lokali, nazzjonali, internazzjonali jew tal-UE;

2.3 Since this position is time-barred or linked to the completion of a specific task, the position of Senior Manager (Paying Agency) constitutes an objective reason which falls under Regulation 7 (4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

**Salary Pegged to the Position**

3.1 The Salary attached to the position of Senior Manager (Paying Agency) is equivalent to the maximum of Salary Scale 5 less an increment (equivalent to €35,737.33 in 2024), with attainment of maximum of scale on confirmation of appointment after the probationary period of one (1) year or completion of one year service, whichever is the latter.

3.2 A selected candidate will also be entitled to:

i. A performance bonus of up to 10% of his/her basic salary. The actual rate will be established at the discretion of the Permanent Secretary (MAFA);

ii. A disturbance allowance (in lieu of overtime) of 15% of the respective scale which may, in exceptional circumstances and specific periods duly authorised by the respective Permanent Secretary, be increased by 25%; and

iii. A pro-rata responsibility allowance flat at 25% of the respective salary scale.

**Duties**

4. The job duties for the position of Senior Manager (Paying Agency) include:

i. Contributes to the development of the Agency's strategy and programmes by supporting the Director General of the Paying Agency in the implementation of the Agency's obligations under the EU's Common Agricultural Policy;

ii. Supports the Agency's operation by performing at a high-level as assigned within any one of its functions for the effective and efficient delivery of its business, to implement and execute schemes, programmes, measures and payments funded under the EAGF and the EAFRD, in a client-oriented manner;

iii. Be responsible in a leading role in Co-ordinating policy initiatives within the Agency, including those initiated at EU level, so as to ensure that appropriate early and decisive action is undertaken to chart a way forward and execute this in a timely and correct manner within resource constraints;

iv. Represents the Paying Agency, Responsible Ministry and/or Malta as and where necessary, whether at local, national, international or at EU level;

v. Iżomm lid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija tal-Pagamenti infurmat dwar żviluppi fil-qasam assenjat lilha, kemm fil-livell tal-UE, kif ukoll f'dak lokali, inklużi żviluppi politiċi, ekonomiċi, soċjali, tekniċi, xjentifiċi jew teknoloġiċi, flimkien ma' żviluppi organizzattivi li jistgħu jolqtu jew ikunu rilevanti għax-xogħol tal-Aġenzija tal-Pagamenti, il-funzjonijiet u l-akkreditazzjoni tagħha;

vi. Ifassal rapporti u briefs komprensivi, iżda fil-qosor, dwar oqsma relatati max-xogħol tal-Aġenzija li jaqgħu taħt il-kompetenza tiegħu, dan kemm meta mitluba u kif ukoll fuq inizjattiva personali;

vii. Jimplimenta l-leġiżlazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni li tkun fis-seħħ fil-qasam tal-kompetenza tiegħu, inkluż inter alia r-Regolamenti tal-Kunsill 1305/2015, 1306/2013, 1307/2013 u 1308/2013 u atti relatati li jimplementaw jew li ġew delegati, kif ukoll leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti jew regoli, kif jista' jkun assenjat jew delegat mid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija tal-Pagamenti;

viii. Ifassal u jirrakkomanda proċeduri amministrattivi effettivi għall-monitoraġġ u l-kontrolli meħtieġa sabiex tkun assigurata l-korrettezza u l-osservanza tal-iskadenzi fl-awtorizzazzjoni ta' claims taħt il-kompetenza tiegħu;

ix. Jikkontribwixxi għall-kisba ta' livelli għoljin ta' kontabbiltà u trasparenza billi jżomm rekords xierqa dwar id-deċiżjonijiet u t-transazzjonijiet li jsiru, u billi jipprovdi risposti effettivi u fil-ħin għall-mistoqsijiet li jsiru mill-Audit Missions tal-Kummissjoni Ewropea, tad-Dipartiment għall-Awditjar Intern u Investigazzjonijiet, tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika jew tal-Ombudsman;

x. Imexxi fuq livell maniġerjali, filwaqt li juri leadership u involviment hands-on fil-kordinament u t-twettiq tal-attività fit-taqsimiet jew mill-istaff li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu u dan sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Aġenzija kif stabbiliti mit-top management, jmexxi wkoll l-uffiċjali fil-gradi kollha kif meħtieġ billi jagħti l-eżempju, u kif ukoll billi jieħu sehem sħiħ bħala membru tas-senior management, inkluż billi jikkollabora b'mod effettiv ma' dipartimenti, entitajiet u persuni interesati oħra għan-nom tal-Aġenzija;

xi. Jimmaniġġja l-prestazzjoni ta' membri tal-Aġenzija tal-Pagamenti Agrikoli u Rurali li jkunu jaqgħu taħt ir-responsabbiltà diretta tiegħu, anke billi jasal fi ftehim magħhom dwar pjanijiet personali ta' prestazzjoni, jistabbilixxi miri u aspettativi ċari ibbażati fuq miżuri tax-xogħol f'dawk il-pjanijiet, jagħmel monitoraġġ u jevalwa l-prestazzjoni, jipprovdi feedback regolari, jindika oqsma fejn jista' jsir titjib, u juża b'mod attiv l-għodda u l-mekkaniżmi disponsibbli sabiex jimmotivahom u jikseb l-aħjar prestazzjoni, filwaqt li jassigura li l-istess proċess jitħaddem għall-ħaddiema li jaqgħu taħthom;

v. Keeps the Director General of the Paying Agency informed of developments in the assigned area, whether at EU or on a domestic level, including political, economic, social, technical, scientific or technological developments, as well as organizational developments that may impact or be relevant to the business of the Paying Agency, its functioning or accreditation;

vi. Draws up succinct but comprehensive reports and briefs, both when requested or upon own initiative, on matters related to the Agency's business in his/her area of competence;

vii. Implements the Common Agricultural Policy legislation in force in his/her area of competence, including inter alia EU Council Regulations 1305/2015, 1306/2013, 1307/2013 and 1308/2013 and the related implementing and delegated acts, as well as relevant national legislation or rules as may be assigned or delegated by the Director General of the Paying Agency;

viii. Draws up and recommends effective administrative monitoring and control procedures required in order to ensure correctness and timeliness for the authorisation of claims in his/her area of competence;

ix. Contributes to the Agency's attainment of high level accountability and transparency by keeping appropriate records of decisions and transactions made, provides a timely and effective response to queries by Audit Missions from the European Commission, the Internal Audit and Investigations Department, the National Audit Office or the Ombudsman;

x. Manages at a senior level, demonstrates leadership and a hands-on approach in the Co-ordination and performance of activities of the units and/or personnel under his/her charge in order to meet the Agency's objectives as set by top management, leads officials in all grades in any task by example where necessary, as well as participates fully as a member of the Agriculture and Rural Payments Agency's senior management team including by liaising effectively with other departments, entities or stakeholders on the behalf of the Agency as required;

xi. Manages the performance of members of the Agriculture and Rural Payments Agency under his/her direct responsibility, in part by agreeing personal performance plans with them, sets clear targets and expectations based on work measurement in those plans, monitors and evaluates their performance, provides regular feedback, points out areas for improvement, and actively uses all available tools and mechanisms to motivate them and optimize their performance, while ensures a trickle-down approach is also being used for their subordinates;

xii. Jagħmel kull komunikazzjoni, informazzjoni jew azzjonijiet ta' taħriġ skont kif ikun hemm bżonn biex jassigura t-trasferiment effettiv tal-għarfien u l-ħiliet fost l-istaff jew persuni interessati oħra, anke bit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' kampanji informattivi, promozzjonali u li jqajmu kuxjenza, skont direzzjonijiet mogħtija mid-Direttur Ġenerali tal-Aġenzija tal-Pagamenti;

xiii. Jappoġġja u jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' inizjattivi tal-Ministeru responsabbli, inklużi miżuri tal-manifest elettorali, miżuri għat-twettiq tal-estimi finanzjarji, miżuri ta' simplifkazzjoni jew regolazzjoni aħjar u inizjattivi u obbligi oħra tas-Servizz Pubbliku kif ikun meħtieġ;

xiv. Juri fi kwalunkwe sitwazzjoni u partikolarment meta jkunu qed jersqu l-iskadenzi tal-fondi, l-abbiltà u r-rieda li jaħdem taħt pressjoni, inkluż meta meħtieġ li jaħdem sat-tard, fi tmiem il-ġimgħa u fil-festi pubbliċi biex ilaħħaq mal-iskadenzi, u fejn meħtieġ li anke jsiefer fuq xogħol uffiċjali;

xv. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjuri jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xvi. Iwettaq dmirijiet oħra li jistgħu jiġu aġġornati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif ikkonfermat mis-Segretarju Permanenti;

xvii. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà**

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:
i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

xii. Undertakes such communication, information or training actions as are needed to ensure effective transfer of knowledge and skills to staff and/or stakeholders, including through the design and implementation of information, promotional or awareness campaigns as directed by the Director General of the Paying Agency;

xiii. Supports and contributes to the successful implementation of the responsible Ministry's initiatives, including such electoral manifesto measures, budgetary implementation measures, simplification and better regulation measures or other public service initiatives or obligations as may be required;

xiv. Demonstrates in all situations and particularly in periods where funding deadlines are approaching, an ability and willingness to work under challenging pressure, including whenever so required by working late or on weekends or on public holidays to meet deadlines, or where required to travel abroad on official business;

xv. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xvi. Undertakes any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Permanent Secretary;

xvii. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

**Eligibility Requirements**

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:
i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of the other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations 2007'; or

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of th United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

U

AND

iii. ikollhom,ikollhom kwalifika ta' Master rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġetta għall-minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) fil-Business/Project Management, jew fil-Public Policy, jew fl-Istud Ewropej, jew fl-Accounts, jew fl-ICT, jew fl-Ekonomija, jew Ambjent/Sistemi tad-Dinja, jew Agrikoltura, jew ikollhom kwalifika professjonali rikonoxxuta komparabbli fil-Livell 7 tal-MQF fl-Accountancy u ICT flimkien ma' tliet (3) snin esperjenza rilevanti għal rwol relatat ma' finanzjament tal-UE;

iii. in possession of in possession of a recognised Master degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 9 ECTS/ECVET credits or equivalent*) in Business/Project Management or Public Policy or European Studies Accounts or ICT or Economics or Environment/Earth Systems or Agriculture, or a comparable professional qualification at MQF Level 7 in Accountancy and ICT, plus three (3) years experience relevant for such an EU funding related role;

*Kwalifika ta' Master rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss bil-kundizzjoni l dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Master mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni. Kwalifika ta' Master rikonoxxuta mill-Universita ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettabl sakemm ikun ivverifikat mill-MQRIC li l-ammont ta' xogħol huwa kumparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS/ECVET.

*A recognised Master qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits is only accepted subject to a MQRIC formal Master recognition statement being submitted with the application. A recognised Master' qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 60 ECTS/ECVET credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC that the workload is comparable to at least 60 ECTS/ECVET credits.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but

jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le.

5.2 (i) Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 5.1 jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_02_13_11_44_48_General%20Provisions_ENG.pdf) xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2024. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

5.3 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-Għażla**

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not.

5.2 (i) Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraph 5.1 or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_02_13_11_44_48_General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st October, 2024. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

5.3 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

**Submission of Supporting Documents**

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

**Selection Procedures**

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Marzu, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.3, have proven relevant work experience.

**Submission of Applications**

8.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director Corporate Services, Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 15th March, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

8.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

**Other General Provisions**

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_02_13_11_44_48_General%20Provisions_ENG.pdf) jew jinkisbu mingħand l-Assistent Direttur (Poeple Management), Direttorat għas-Servizzi Korporattivi, Agriculture Research and Innovation Hub, Triq l-Ingiered, Ħal Luqa LQA 3300. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (http://agrikoltura.gov.mt) u (humanresources.mafa@gov.mt).

L-1 ta' Marzu, 2024

may be accessed from (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_02_13_11_44_48_General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from the Assistant Director (People Management), Corporate Services Directorate, Agriculture Research and Innovation Hub, Triq l-Ingiered, Ħal Luqa LQA 3300. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (http://agrikoltura.gov.mt) and (humanresources.mafa@gov.mt).

1st March, 2024

Kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea

*Co-funded by the European Union*

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

**Post ta' Assistant Veterinary Technical Officer II fil-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Assistant Veterinary Technical Officer II fil-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali.

**Termini u Kundizzjonijiet**

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.2 Is-salarju ta' Assistant Veterinary Technical Officer huwa ta' Skala ta' Salarju 14, li fis-sena 2024 huwa ta' €18,538.02 fis-sena, li jiżdied bi €316.83 fis-sena sa massimu ta' €20,439.00.

2.3 Assistant Veterinary Technical Officer II fis-Skala ta Salarju 14 tiġi promossa għall-Skala 13 fil-grad ta Assistant Veterinary Officer II (€19,867.00 x €335.50 - €21,880.00) wara ħames (5) snin servizz fil-grad ta' Assistant Veterinary Technical Officer II fi Skala ta' Salarju 14, dejjem jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.4 Assistant Veterinary Technical Officer II li jikseb kwalifika rilevanti fl-livell ta' Diploma Livell 5 tal-MQF kif rikonoxxuta mill-maniġmnet minn żmien għal żmien,

MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

**Post of Assistant Veterinary Technical Officer II in the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights**

*Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.*

1. The Permanent Secretary, Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights, invites applications for the post of Assistant Veterinary Technical Officer II in the Ministry for Agriculture, Fisheries and Animal Rights.

**Terms and Conditions**

2.1 This appointment is subject to a probationary period of six (6) months.

2.2 The salary for the post of Assistant Veterinary Technical Officer is Salary Scale 14, which in the year 2024 is equivalent to, €18,538.02 per annum, rising by annual increments of €316.83 up to a maximum of €20,439.00.

2.3 An Assistant Veterinary Technical Officer II in Salary Scale 14 will progress to Scale 13 as Assistant Veterinary Technical Officer II (€19,867.00 x €335.50 - €21,880.00) on completion of five (5) years service in the grade of Assistant Veterinary Technical Officer II in Salary Scale 14, subject to satisfactory performance.

2.4 An Assistant Veterinary Technical Officer II who obtains a relevant qualification at Diploma level MQF Level 5 as recognised by Management from time to time,

waqt li ikun fl-impjieg fil-Veterinary Technical Class jitla awtomatikament fi Skala ta' Salarju 12 (€21,236.00 x €354.00 - €23,360.00) bħala Veterinary Technical Officer (Diploma) meta jottjeni il-kwalifika msemmija u meta jtemm b'suċċess il-perjodu ta' prova, jibbenefika mill-proviżjonijiet li jirregolaw il-grad ta' Veterinary Technical Officer (Diploma).

2.5 Assistant Veterinary Technical Officer II li jikseb kwalifika rilevanti fl-livell ta' Degree Livell 6 tal-MQF kif rikonoxxuta mill-maniġment minn żmien għal żmien, waqt li ikun fl-impjieg fil-Veterinary Technical Class jitla awtomatikament fi Skala ta' Salarju 10 (€24,085.98 x €407.67 - €26,532.00) bħala Veterinary Technical Officer (Degree) meta jottjeni il-kwalifika imsemmija u meta jtemm b'suċċess il-perjodu ta' prova, jibbenefika mill-proviżjonjiet li jirregolaw il-grad ta' Veterinary Technical Officer (Degree).

**Dmirijiet**

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Assistant Veterinary Technical Officer II jinkludu li:

i. Jgħin fix-xogħol kollu veterinarju u tal-benesseri, inkluż il-preparazzjoni ta' tagħmir tas-sigurtà;

ii. Kif ordnat mill-Veterinary Officer, jieħu kampjuni tad-demm u kampjuni bijoloġiċi oħra,

iii. Imexxi, iġorr u/jew iżomm u jrażżan l-annimali waqt l-ittestjar u t-trattament, u jassisti fl-għoti ta' kura veterinarja jew fl-amministrazzjoni ta' mediċini u trattamenti veterinarji oħra filwaqt li jżomm rekords ta' testijiet u proċeduri oħra fuq database/s rilevanti;

iv. Iwettaq tindif, diżinfettar ta' pinen, utensili, reċipjenti u vetturi skont proċeduri operattivi standard u jassisti fiż-żamma tal-miżuri ta' bijosigurtà;

v. Jifforma parti minn timijiet ta' spezzjoni u infurzar u jipparteċipa b'mod attiv fl-għoti ta' għajnuna ta' salvataġġ u ta' emerġenza lil annimali midruba, morda jew fraġli u kura ta' wara l-annimali inkluż eżerċizzju u riabilitazzjoni;

vi. Jgħin fit-twettiq ta' spezzjonijiet għal skopijiet ta' liċenzjar, finijiet ta' verifika jew biex jevalwa l-konformità mal-Kapitolu 437 jew Kapitolu 439 tal-liġijiet ta' Malta, u żżomm evidenza dokumentata dovuta tal-kundizzjonijiet tas-saħħa u l-benessri tal-annimali waqt l-ispezzjonijiet;

vii. Jgħin fl-abbozzar ta' rapporti u dokumenti oħra meħtieġa għal azzjonijiet ta' infurzar jew skopijiet ta' dokumentazzjoni u jagħti xhieda fil-qorti f'isem id-Dipartiment, meta meħtieġ,

whilst in employment in the Veterinary Technical Class shall automatically move into Salary Scale 12 (€21,236.00 x €354.00 - €23,360.00) as Veterinary Technical Officer (Diploma) upon obtaining said qualification and upon successful completion of the probationary period, will benefit from provisions regulating the grade of Veterinary Technical Officer (Diploma).

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

U

iii. ikollhom Master degree rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 90 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) fil-Work and Human Resources Management jew Training and Development jew Public Management jew Corporate Governance and Leadership jew Leadership and Organisational Behaviour jew Management and Leadership jew Strategy jew Leadership and Change Management jew Industrial Relations and Workplace Learning jew Human Resources Management jew Public Policy jew Management jew Public Administration jew Law jew Communications jew Project Management jew Quality Management jew Research jew Public Projects jew People Management jew Accountancy jew Marketing jew Psychology jew kwalifika professjonali komparabbli rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF fl-Accountancy jew f'oqsma rilevanti kif determinat mill-Maniġment.

*Kwalifika ta' Master rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Master mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni. Kwalifika ta' Master rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS/ECVET hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS/ECVET.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

AND

iii. in possession of a recognised Master degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Work and Human Resources Management or Training and Development or Public Management or Corporate Governance and Leadership or Leadership and Organisational Behaviour or Management and Leadership or Strategy or Leadership and Change Management or Industrial Relations and Workplace Learning or Human Resources Management or Public Policy or Management or Public Administration or Law or Communications or Project Management or Quality Management or Research or Public Projects or People Management or Accountancy or Marketing or Psychology or a recognised comparable professional qualification at MQF Level 7 in Accountancy or in relevant areas as determined by Management or in relevant areas as determined by Management.

*A recognised Master qualification with a minimum of 60 ECTS/ECVET credits is only accepted subject to an MQRIC formal Master recognition statement being submitted with the application. A recognised Master qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 60 ECTS/ECVET credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC that the workload is comparable to at least 60 ECTS/ECVET credits.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3 Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_02_13_11_45_06_General%20Provisions_MT.pdf), xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2024. Jekk l-iskadenza ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

4.4 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

**Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**Proċeduri tal-Għażla**

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija mija fil-mija (100%) u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija ħamsin fil-mija (50%).

4.2 (i) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the abovementioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraphs 4.1 or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_02_13_11_44_48_General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st October, 2024. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

**Submission of Supporting Documentation**

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

**Selection Procedures**

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is one hundred per cent (100%) and the pass mark is fifty per cent (50%).

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.4, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur Ġenerali għall-Operat, Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Marzu, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

**Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra**

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_02_13_11_45_06_General%20

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.4, have proven relevant work experience.

**Submission of Applications**

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director General (Operations), Ministry for the Environment, Energy and Regeneration of the Grand Harbour, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 15th March, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) would not be accepted.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

**Other General Provisions**

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed fromhttp://(https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_02_13_11_44_48_General%20

Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi (Attn: Assistent Direttur, Riżorsi Umani), Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera, SVR 1302. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-dipartiment/diviżjoni/direttorat huma (sustainability.gov.mt) u (humanresources.meer@gov.mt).

L-1 ta' Marzu, 2024

SERVIZZI EWROPEJ F'MALTA

L-Aġenzija, Servizzi Ewropej Malta (SEM) fi ħdan il-Ministeru għall-Fondi Ewropej, Djalogu Soċjali u Protezzjoni tal-Konsumatur għandha din il-vakanza:

Chief Executive Officer

Applikanti prospettivi jistgħu jagħmlu talba għal deskrizzjoni tax-xogħol sħiħa permezz ta' ittra elettronika lil (permsec.mesc@gov.mt).

L-iskadenza għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija l-Ġimgħa, 15 ta' Marzu, 2024, fis-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew).

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika biss lil (permsec.mesc@gov.mt).

Sottomissjonijiet tard mhux se jiġu aċċettati.

L-applikazzjonijiet kollha jiġu rikonoxxuti u trattati bl-l-aktar kunfidenza stretta.

L-1 ta' Marzu, 2024

AWTORITÀ TA' STANDARDS TA' ĦARSIEN SOĊJALI

L-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali fi ħdan il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal jgħarraf rigward il-vakanza li ġejja:

Post ta' Manager II (Finance and Procurement Unit) skont numru tal-permess ta' Jobsplus: 186/2024.

Partijiet interessati jistgħu jitolbu dettalji permezz ta' ittra elettronika lil (recruitment.scsa@gov.mt).

Id-data tal-għeluq tas-sottomissjonijiet tal-applikazzjonijiet hija nhar l-Erbgħa, 13 ta' Marzu, 2024, f'nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew). Sottomissjonijiet li jaslu wara din id-data ma jkunux ikkunsidrati.

L-1 ta' Marzu, 2024

Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from the Corporate Services Directorate (Attn: Assistant Director, Human Resources), Ministry for the Environment, Energy and Regeneration of the Grand Harbour, 6, Triq Ħal Qormi, Sta Venera, SVR 1302. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Section are (sustainability.gov.mt) and (humanresources.meer@gov.mt).

1st March, 2024

SERVIZZI EWROPEJ F'MALTA

The Agency, Servizzi Ewropej Malta (SEM) within the Ministry for European Funds, Social Dialogue and Consumer Protection has the following vacancy:

Chief Executive Officer

Prospective applicants can request a full job description by email to (permsec.mesc@gov.mt).

The deadline for the submission of applications is Friday, 15th March 2024, at 5.15 p.m. (Central European Time).

Applications are to be submitted by email only to (permsec.mesc@gov.mt).

Late submissions will not be accepted.

All applications will be acknowledged and treated in the strictest of confidence.

1st March, 2024

SOCIAL CARE STANDARDS AUTHORITY

The Social Care Standards Authority within the Ministry for Social Policy and Children's Rights has the following vacancy:

Post of Manager II (Finance and Procurement Unit) as per Jobsplus permit number 186/2024.

Interested parties may request details by sending an email to (recruitment.scsa@gov.mt).

The deadline for the submission of applications is Wednesday, 13th March, 2024, at noon (Central European Time). Late submissions will not be accepted.

1st March, 2024

IL-KUNSILL MALTI GĦAS-SETTUR TAL-VOLONTARJAT

**Pożizzjoni ta' Skrivan**

*Numru tal-Permess ta' Jobsplus 837/2023*

Il-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat jistieden applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Skrivan fuq kuntratt indefinit.

L-applikanti għandhom ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża; u

(a) ikollhom kwalifika rikonoxxuta f'Livell 5 tal-MQF, jew ekwivalenti, flimkien ma' sena (1) esperjenza ta' xogħol rilevanti;

Jew

(b) ikollhom kwalifika rikonoxxuta f'Livell 4 tal-MQF jew ekwivalenti, flimkien ma' tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti;

L-applikazzjonijiet, flimkien ma' curriculum vitae għandhom jintbagħtu lill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat, bil-posta lil: Volunteer Centre, 181, Triq Melita, Il-Belt Valletta VLT 1129; jew permezz ta' ittra elettronika lil (mcvs.mivc@gov.mt), sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, 22 ta' Marzu, 2024. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sit elettroniku (https://maltacvs.org/vacancies/), jew bin-numru tat-telefown +356 2248 1110, jew permezz ta' ittra elettronika lil (mcvs.miv@gov.mt ).

L-1 ta' Marzu, 2024

MALTA COUNCIL FOR VOLUNTARY SECTOR

**Position of Clerk**

*Jobsplus Permit Number 837/2023*

The Malta Council for the Voluntary Sector invites applications for the position of Clerk on an indefinite contract.

Applicants should be able to communicate in the Maltese and English languages; and

(a) are in possession of a recognised qualification at MQF Level 5, or equivalent, plus one (1) year relevant work experience;

Or

(b) are in possession of a recognised qualification at MQF Level 4 or equivalent, plus three (3) years relevant work experience;

Applications, together with a curriculum vitae should be submitted to the Malta Council for the Voluntary Sector, by post to: Volunteer Centre, 181, Triq Melita, Valletta VLT 1129; or via email to (mcvs.mivc@gov.mt), by not later than noon (Central European Time) of Friday 22nd March, 2024. More information can the obtained from the website (https://maltacvs.org/vacancies/), or by telephone number +356 2248 1110, or by email to (mcvs.miv@gov.mt).

1st March, 2024

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

**Eżamijiet ta' Kwalifikazzjoni għal Learning Support Educators Supplimentari (SLSE) miftuħa għal Persuni li Jixtiequ Japplikaw għal Sejħiet Statali u Mhux Statali għal SLSE u li m'għandhomx Pass Marks tas-SEC/'O Level' fil-Malti, fil-lingwa Ingliża u/jew fil-Matematika**

1.1 Ir-Reġistratur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali qegħdin jilqgħu applikazzjonijiet għal eżamijiet ta' kwalifikazzjoni fil-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika għall-applikanti li huma interessati japplikaw għall-pożizzjoni ta' Learning Support Educator Supplimentari (SLSE), li m'għandhomx wieħed jew aktar mill-passes rekwiżiti fiċ-Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) fil-Livell 3 tal-MQF u/jew fil-Livell Ordinarju (Livell 'O' grad A-C jew 9-4), fil-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika.

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

**Qualifying Examinations for Supply Learning Support Educators (SLSE) Open to Persons Wishing to apply for State and Non-state Calls of SLSE who are not in Possession of a SEC/'O Level' in Maltese, English Language and/or Mathematics**

1.1 The Registrar of Examinations and the Board of Local Public Examinations invite applications for qualifying examinations in Maltese, English Language and Mathematics for applicants interested in applying for the position of Supply Learning Support Educators (SLSE) who are not in possession of the required passes in Maltese, English Language and Mathematics at Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) at MQF Level 3 and/or Ordinary Level ('O' Level grade A-C or 9-4).

1.2. L-eliġibbiltà għall-pożizzjoni ta' SLSE hija suġġetta għall-kriterji kollha tal-eliġibbiltà fis-sejħa pubblika għal SLSE pubblikata fil-Gazetta tal-Gvern datata d-9 ta' Frar, 2024. L-applikazzjonijiet mill-kandidati għall-pożizzjoni ta' SLSE jibdew jintlaqgħu direttament u jiġu proċessati mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u kwalunkwe sejħiet maħruġa minn skejjel mhux tal-Istat.

1.3. Il-marka massima ta' kull eżami hija ta' 100 marka, b'pass mark minimu ta' 50 marka.

1.4. L-eżamijiet tal-kitba se jsiru:

Malti – L-Erbgħa, 10 ta' April, 2024;

Ingliż – Il-Ħamis, 11 ta' April, 2024;

Matematika – Il-Ġimgħa, 12 ta' April, 2024.

**Is-Salarju**

2.1. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' SLSE huwa ekwivalenti għall-minimu ta' Skala ta' Salarju 15 li fl-2024 huwa ta' €17,265.00 fis-sena.

2.2. Persuna maħtura tkun intitolata għal tali benefiċċji oħra, u suġġetta għal tali kundizzjonijiet u obbligi oħra kif jistgħu jkunu stipulati fi kwalunkwe ftehim pertinenti bejn il-Gvern u l-union kompetenti.

**Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà**

3.1. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandu jkollhom tmintax-il sena (18) jew aktar.

**L-Eżamijiet tal-kitba għal SLSE fil-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika**

4.1. L-eżamijiet kollha (il-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika) jikkonsistu f'eżami bil-miktub għal kull suġġett. Kull eżami jkun ta' siegħa u tletin minuta (1½ siegħa) u maħsub biex jevalwa l-ħiliet tal-kandidati fis-suġġett.

4.2. Il-kandidati jridu jiksbu 50 marka biex jgħaddu mill-eżami fis-suġġett/i speċifiċi li jkunu applikaw għalihom.

4.3. Dawn l-eżamijiet jitmexxew mir-Reġistratur tal-Eżamijiet u l-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali. Kopja tas-sillabu tista' tiġi aċċessata minn (https://myexams.gov.mt/local-public-examinations/).

4.4. Il-kandidati jkunu meħtieġa jħallsu miżata mhux rifondibbli ta' €9.30 għal kull suġġett li għalih saret l-applikazzjoni.

1.2 Eligibility for the position of SLSE is contingent on satisfying all eligibility criteria outlined in the open call for SLSE published on Government Gazette dated 9th February, 2024. Applications from candidates for the position of SLSE will start being received directly and processed by the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) and any non-state school/s advertising such calls.

1.3 The maximum mark for each exam is 100, with a minimum pass mark of 50 marks.

1.4 The written examinations shall be held as follows:

Maltese – Wednesday, 10th April, 2024;

English – Thursday, 11th April, 2024;

Mathematics – Friday, 12th April, 2024.

**Salary**

2.1. The Salary attached to the position of SLSE is equivalent to the minimum of Salary Scale 15 which in year 2024 is €17,265.00 per annum.

2.2. An appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent union.

**Eligibility Requirements**

3.1. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be eighteen years (18) old or older.

**Written Examinations for SLSE in Maltese, English Language and Mathematics**

4.1. All examinations (Maltese, English Language and Mathematics) will consist of a written examination for each subject. Each examination will be one hour and thirty minutes (1½ hours) aimed at assessing the candidates' ability in the subject.

4.2. Candidates must obtain 50 marks to pass the qualifying examination in the subject/s applied for.

4.3. These examinations will be conducted by the Registrar of Examinations and the Board of Local Public Examinations. A copy of the syllabus can be accessed from (https://myexams.gov.mt/local-public-examinations/).

4.4. Candidates will be required to pay a non-refundable fee of €9.30 for each subject applied for.

4.5. L-applikanti li diġà għandhom il-passes meħtieġa fiċ-Ċertifikat ta' Edukazzjoni Sekondarja (SEC grad 1-5) fil-Livell 3 tal-MQF u/jew fil-livell Ordinarju (Livell 'O' grad A-C jew 9-4) fil-Malti, il-Lingwa Ingliża u l-Matematika m'għandhomx għalfejn japplikaw għal dan/dawn l-eżami/jiet ta' kwalifikazzjoni.

4.6. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jkollu s-setgħa li jittratta b'mod sommarju kull kandidat li, waqt li jkun għaddej l-eżami, jinstab ħati ta' mġiba ħażina jew ta' xi ksur tal-istruzzjonijiet maħruġa lill-kandidati.

4.7. Il-Bord tal-Eżamijiet Pubbliċi Lokali jżomm id-dritt li jannulla l-eżami jekk tinstab xi irregolarità inkonnessjoni miegħu. L-eżami kollu jista' jiġi annullat, ukoll jekk l-irregolarità li tinsab tkun dwar suġġett wieħed biss jew stadju partikolari tal-eżami.

4.8. Ir-Reġistratur tal-Eżamijiet jippubblika r-riżultat tal-eżami bil-miktub fuq in-noticeboard ta' Edu Servizz.gov (One Stop Shop) fil-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR), Triq l-Assedju l-Kbir, Il-Furjana; u ċ-Ċentru tal-Eżamijiet, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex.

4.9. Kull kandidat jirċievi r-riżultat bil-posta kif ukoll messaġġ ta' korteżija b'SMS lil dawk kollha li jipprovdu numru validu tal-mowbajl.

4.10. Talba għar-reviżjoni tal-karta tal-eżami għandha tiġi sottomessa lid-Dipartiment tal-Eżamijiet fi żmien ħamest ijiem (5) ta' xogħol mid-data tal-avviż imsemmi f'paragrafu 4.9. Struzzjonijiet ta' kif il-kandidati jistgħu japplikaw għal reviżjoni tal-karta jkunu inklużi mar-riżultat.

**Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet**

5.1. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' miżata tal-eżami ta' €9.30 mhux rifondibbli għandhom jiġu sottomessi online fuq is-sit (https://myexams.gov.mt/applications/) mill-Ġimgħa, l-1 ta' Marzu, 2024 sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 15 ta' Marzu, 2024.

5.2. Applikanti prospettivi huma mwissija biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom minħabba l-possibbiltà ta' xi ħsara jew staġnar fl-internet li jistgħu jwasslu għal diffikultajiet fis-sottomissjoni tal-applikazzjoni. L-applikanti għandhom jiżguraw li wara s-sottomissjoni tal-applikazzjoni tagħhom għandhom iżommu kopja tal-irċevuta mibgħuta lilhom permezz ta' ittra elettronika bħala referenza. L-applikanti jkunu meqjusa li jkunu applikaw sad-data u l-ħin tal-għeluq biss jekk ikollhom din l-irċevuta.

5.3. Applikazzjonijiet li ma jaslux sad-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet ma jiġux ikkunsidrati.

L-1 ta' Marzu, 2024

4.5. Applicants who are already in possession of the required passes in Maltese, English Language and Mathematics at Ordinary level ('O' Level grade A-C or 4-9) and/or Secondary Education Certificate (SEC grade 1-5) at MQF Level 3 need not apply for this/these qualifying exam/s.

4.6. The Board of Local Public Examinations will have the power to deal summarily with any candidate who, while the examination is in progress, is found guilty of misconduct or in any breach of the instructions issued to candidates.

4.7. The Board of Local Public Examinations reserves the right to annul the examination if any irregularity is detected in connection therewith. Such annulment may be in respect of the whole examination even if the detected irregularity is in respect of only one subject or a particular stage of the examination.

4.8. The Registrar of Examinations will publish the result of the written examination on the noticeboard of Edu Servizz.gov (One Stop Shop) at the Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR), Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana; and the Examinations Centre, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo.

4.9. Each candidate will receive the individual result by post and a courtesy alert by SMS will be sent to all those who provide a valid mobile phone number.

4.10.Requests for revision of paper are to be submitted to the Department of Examinations within five (5) working days from the date of the notification mentioned in paragraph 4.9. above. Instructions on how to apply for a revision of paper will be included with the result.

**Submission of Applications**

5.1. Applications, together with a non-refundable examination fee of €9.30 per subject are to be submitted online on (https://myexams.gov.mt/applications/) from Friday, 1st March, 2024 till Friday, 15th March, 2024.

5.2. Prospective applicants are strongly advised not to wait until the last day to submit their application since heavy internet traffic or a fault with the internet connection could lead to difficulties in submission. Applicants are to ensure that after the submission of their application a copy of the receipt of payment received through an email is to be kept for future reference. Applicants are deemed to have applied by the closing date and time only if they are in possession of this receipt.

5.3. Applications received after the closing date of this call for applications will not be considered.

1st March, 2024

BORD TAL-KOPERATTIVI

**(Att Nru. XXX tal-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)**

**Avviż ta' Reġistrazzjoni**

**Ordni Nru. 1**

Ngħarrfu b'dan illi s-Soċjeta` li ġġib l-isem "Koperattiva Maltija tal-Mogħoż u n-Nagħaġ Limitata" u l-istatut tagħha ġew reġistrati mill-Bord tal-Koperattivi fid-29 ta' Jannar 2024, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 29 (1) tal-Att Numru XXX tal-2001.

Is-Sur Joseph Abela
*Chairperson*
Bord tal-Koperattivi

Id-29 ta' Jannar, 2024
(CB 34/79/159)

CO-OPERATIVES BOARD

**(Co-operatives Societies Act No. XXX of 2001)**

**Notice of Registration**

**Order No. 1**

It is hereby notified that the Society with the name "Maltese Goat and Sheep Co-operative Society Limited" and its statute were registered by the Co-operatives Board on the 29th January 2024, in accordance with the provisions of Article 29 (1) of Act No. XXX of 2001.

Mr. Joseph Abela
*Chairperson*
Co-operatives Board

29th January, 2024

BORD TAL-KOPERATTIVI

**(Att Nru. XXX tal-2001 dwar l-Għaqdiet Koperattivi)**

**Xoljiment ta' Soċjetà**

**Ordni Nru. 2**

Billi Malta Potato Exports Cooperative Ltd. li ġiet reġistrata fl-23 ta' Jannar, 2013, waqfet minn kull ħidma u billi l-Bord tal-Koperattivi huwa sodisfatt illi s-Soċjeta` msemmija għandha tiġi maħlula skont u għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 100 (2) tal-Att dwar is-Soċjetajiet Koperattivi Numru XXX tal-2001, il-Bord tal-Koperattivi ordna illi s-Soċjetà msemmija għandha tinħall u appunta lis-Sur Saviour Zammit ta' Emerald Flats, Flat 3, Triq Hal Resqun, Gudja GDJ 1447, bħala likwidatur.

Is-Sur Joseph Abela
*Chairperson*
Bord tal-Koperattivi

Id-29 ta' Jannar, 2024
CB 17/23

CO-OPERATIVES BOARD

**(Co-operative Societies Act No. XXX of 2001)**

**Winding up Order of a Society**

**Order No. 2**

Whereas Malta Potato Exports Cooperative Ltd. which was registered on the 23rd January, 2013, ceased functioning and the Co-operatives Board is satisfied that the Society should be wound up in accordance with and for the purposes of the provisions of Article 100 (2) of the Co-operatives Societies Act No. XXX of 2001, the Co-operatives Board has ordered the said Society to be wound up and has appointed Mr. Saviour Zammit of Emerald Flats, Flat 3, Triq Hal Resqun, Gudja GDJ 1447 to be liquidator.

Mr. Joseph Abela
*Chairperson*
Co-operatives Board

29th January, 2024

BORD TAL-KOPERATTIVI

**(Att Nru. XXX tal-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)**

**Avviż ta' Emendi ta' Regola fl-Istatut**

**Ordni Nru. 3**

Ngħarrfu b'dan illi regoli numru 1, 32(a)(i), 46(a) u 46(b) tal-Istatut ta' "Koperattiva ta' Min Irabbi l-Majjal (K.I.M) Ltd." ġew emendati. Dawn l-emendi ġew reġistrati

CO-OPERATIVES BOARD

**(Co-operatives Societies Act No. XXX of 2001)**

**Notice of Amendments of Rules in Statute**

**Order No. 3**

It is hereby notified that rule numbers 1, 32(a)(i), 46(a) and 46(b) of the Statute of "Pig Breeders Co-operative Society Ltd." have been amended. The Co-operatives Board

mill-Bord tal-Koperattivi fid-29 ta' Jannar 2024, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 35 tal-Att Nru. XXX tal-2001.

Is-Sur Joseph Abela
*Chairperson*
Bord tal-Koperattivi

Id-29 ta' Jannar, 2024
(CB 34/79/18)

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

**Avviż**

Għall-finijiet tar-regolament 90 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu illi ma ġiet ippreżentata ebda kandidatura għall-elezzjoni każwali ta' Kunsillier għall-Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema.

J. CAMILLERI
*Kummissjonarju Elettorali Prinċipali*

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

L-1 ta' Marzu, 2024

AVVIŻ TAT-TEŻOR

**Fidwa tat-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta - Ħruġ 2019**

Skont u għall-finijiet ta' paragrafu 18 tal-Prospett tal-5 ta' Marzu 2019, ippublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fid-data msemmija, it-Teżor javża li t-62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta - Ħruġ 2019 (Bond li ser Jimmatura) kollu, li għandu valur nominali ta' €92,947,300 ser jinfeda b'parità fl-20 ta' Marzu, 2024.

L-aħħar ħlas tal-imgħax dovut għall-perjodu bejn l-20 ta' Settembru, 2023 u d-19 ta' Marzu, 2024 (iż-żewġ dati nklużi) ser isir fid-data tal-fidwa tal-Bond nhar l-20 ta' Marzu, 2024 bir-rata ta' 1.50% lill-persuni kollha li fit-8 ta' Marzu, 2024 kienu reġistrati bħala detenturi tal-Bond fir-Reġistru tal-Borża ta' Malta.

Persuni li jagħżlu li jġeddu l-investiment skont it-Termini tal-Prospett li jirregola l-Offerta tar-Rollover ippublikata fil-Gazzetta tal-Gvern fit-23 ta' Frar, 2024 taħt Avviż Numru 262, ser jiġu allokati l-istess ammont nominal ta' Bonds li kellhom fit-**62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2019** fil-Bond il-ġdid fl-20 ta' Marzu, 2024.

Persuni li ma jixtiequx iġeddu l-investiment tat-**62+ Savings Bond tal-Gvern ta' Malta – Ħruġ 2019**, ser jitħallsu lura l-kapital fid-data tal-fidwa, l-20 ta' Marzu, 2024.

L-1 ta' Marzu, 2024

has duly registered these amendments on the 29th January 2024, in accordance with article 35 of Act No. XXX of 2001.

Mr. Joseph Abela
*Chairperson*
Co-operatives Board

29th January, 2024

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

**Notice**

For the purposes of regulation 90 of the Third Schedule of the Local Councils Act (Cap. 363), the Electoral Commissioners hereby notify that no candidatures were presented for the casual election of a Councillor for the Local Council of Tas-Sliema.

J. CAMILLERI
*Chief Electoral Commissioner*

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

1st March, 2024

TREASURY NOTICE

**Redemption of the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2019**

Pursuant to and for the purpose of paragraph 18 of the Prospectus of the 5th of March 2019 published in the Government Gazette on the aforementioned date, the Treasury hereby gives notice that all of the 62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2019 (Maturing Bond) amounting to €92,947,300 nominal will be redeemed at par on the 20th of March, 2024.

The final interest payment covering the period from the 20th of September, 2023 to the 19th of March, 2024 (both days inclusive) shall be payable on 20th of March, 2024 at the rate of 1.50% to the persons registered as holders in the Register of the Malta Stock Exchange on the 8th of March, 2024.

Persons electing to roll over their holdings in accordance with the terms of the Prospectus regulating the Offer of Rollover published in the Government Gazette of 23rd February, 2024 under Government Notice No. 262, will be allocated the same nominal amount they held in the **62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2019** in the New Bond, on the 20th of March, 2024.

Persons who do not opt for rolling over their holdings of the **62+ Malta Government Savings Bond – Issue 2019**, shall receive the whole redemption proceeds on the date of maturity of the Maturing Bond, the 20th of March, 2024.

1st March, 2024

AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA

**Avviż ta' Bastiment Abbandunat**

L-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Awtorità) qiegħda tavża li fit-12 ta' Settembru tal-2022, instabet dgħajsa bil-mutur madwar 30 mil nawtiku lejn it-tramuntana ta' Malta. Il-dettalji distinti li hemm huma dawn li ġejjin:

DRACO HT2000 SPORTLING;
6m tul totali u 2.3m wisa';
Bla isem u mingħajr marki ta' reġistrazzjoni;
Bajda;
Mgħammra b'magna outboard tal-għamla Hidea; mudell HD75FHL-D; bin-numru tas-serje VELGAFL0002; u bis-saħħa ta' 75HP.

Din id-dgħajsa bil-mutur ġiet irmunkata lejn Malta u nżammet ġewwa boatyard fil-Mosta mill-persuna li sabitha, li għamlet Rapport lill-Pulizija fl-Għassa tal-Qawra. Fit-8 ta' Frar tal-2024, id-dgħajsa ġiet mgħoddija lill-Awtorità.

Abbażi tal-Artiklu 331 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (Kapitlu 234 tal-Liġijiet ta' Malta), ġie appuntat riċevitur (receiver of wreck) sabiex jieħu pussess ta' din id-dgħajsa bil-mutur u jagħmel dak kollu li hemm bżonn skont il liġi, inkluż li jinstab is-sid leġittimu u legali tagħha jew li tinbiegħ. Ir-riċevitur huwa l-Harbour Master fi ħdan id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting tal-Awtorità.

Is-sid leġittimu u legali ta' din id-dgħajsa bil-mutur huwa mitlub li jikkomunika mal-Harbour Master fuq id-dettalji ta' kuntatt li ġejjin:

info@transportmalta.gov.mt
+356 25555000

Is-sid leġittimu u legali għandu jikkomunika fi żmien sena mid-data ta' dan l-avviż u għandu jistabbilixxi d-dritt u t-talba tiegħu a sodisfazzjon tar-riċevitur; u għandu jħallas is-salvataġġ, id-drittijiet u l-ispejjeż l-oħra kollha dovuti qabel id-dgħajsa bil-mutur tingħata lilu.

Dan l-avviż qiegħed jiġi ppubblikat abbażi tal-Artiklu 335 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili u għandu jibqa' validu u fis-seħħ għal sena mid-data tiegħu, sakemm din id-dgħajsa bil-mutur ma tkunx inbiegħet qabel dan iż-żmien skont il-liġi. Abbażi tal-Artiklu 338, il-Gvern ta' Malta jkollu d-dritt għal fdalijiet kollha ta' bastimenti abbandunati li dwarhom tibqa' ma ssirx talba mis-sid leġittimu u legali tagħhom fi żmien sena mid-data ta' dan l-avviż.

Ritratti ta' dina id-dgħajsa bil-mutur jinsabu fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità: (www.transport.gov.mt).

L-1 ta' Marzu, 2024

AUTHORITY FOR TRANSPORT IN MALTA

**Notification of a Derelict Vessel**

The Authority for Transport in Malta (Authority) hereby notifies that a motorboat has been found around 30 nautical miles towards the North of Malta on 12th September, 2022. The available distinguishing details are the following:

DRACO HT2000 SPORTLING;
6m length overall and 2.3m beam;
Unnamed and without any registration marks;
White;
Equipped with an outboard motor make Hidea; model HD75FHL-D; with the serial number VELGAFL0002; and having the power of 75HP.

This motorboat was towed to Malta and was kept in a boatyard in Mosta by the finder, who filed a Police Report at the Qawra Police Station. On 8th February, 2024, the motorboat was handed over to the Authority.

In terms of Article 331 of the Merchant Shipping Act (Chapter 234 of the Laws of Malta), a receiver of wreck has been appointed to take possession of and deal with this motorboat in terms of law, including the possibility of finding its legitimate and lawful owner or selling such. The receiver of wreck is the Harbour Master within the Ports and Yachting Directorate of the Authority.

The legitimate and lawful owner of this motorboat is invited to communicate with the Harbour Master on the following contact details:

info@transportmalta.gov.mt
+356 25555000

The legitimate and lawful owner must communicate within one year from the date of this notice and must establish his right and claim to the satisfaction of the receiver of wreck; and must pay salvage, fees and other expenses due before the motorboat is delivered up to him.

This notice is being published in terms of Article 335 of the Merchant Shipping Act and shall remain valid and in force for one year from its date, unless the motorboat is disposed of before in terms of law. In terms of Article 338, the Government of Malta shall be entitled to all wreck which remains unclaimed by the lawful owner for more than a year from the date of this notice.

Photos of this motorboat can be found on the website of the Authority: (www.transport.gov.mt).

1st March, 2024

MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR

**Awtorità tal-Ippjanar**

Lista ta' kuntratti tal-kwotazzjonijiet u direct contracts mogħtija mill-Awtorità tal-Ippjanar matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2023 u t-30 ta' Ġunju, 2023, ippubblikata skont ir-Regolament 111 (2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (L.S. 601.03).

L-1 ta' Marzu, 2024

MINISTRY FOR PUBLIC WORKS AND PLANNING

**Planning Authority**

List of quotation contracts and direct contracts awarded by the Planning Authority during the period between 1st January, 2023 and 30th June, 2023, published in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations S.L. 601.03

1st March, 2024

**Direct Contracts**

| Nru.<br>*No.* | Nru. ta' Referenza tad-Direct Contract<br>*Direct Contract Reference No.* | Titlu tad-Direct Contract/ Suġġett tad-Direct Contract<br>*Direct Contract Title/Subject of Direct Contract* | Data tal-Għotja<br>*Award Date* | Isem tal-Kuntrattur<br>*Contractor's Name* | Valur tal-Kuntratt VAT Eskluż<br>*Contract Value Excl. VAT* |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | DO 001/2023 | Provision of consultancy services related to planning and development management | 02/01/2023 | Anthony Borg | € 10,000.00 |
| 2 | DO 007/2023 | Provision of 4 half day training workshops focusing on media relations for 5 participants | 09/01/2023 | WE MEDIA LTD | € 6,000.00 |
| 3 | DO 008/2023 | Euro Geographics - Provision of audio visual equipment, host/ess services and dinners | 09/01/2023 | EC Meetings Company Ltd | € 8,516.86 |
| 4 | DO 009/2023 | Euro Geographics - Provision of audio visual equipment set up at The Grand Excelsior Hotel and additional podium rental | 09/01/2023 | The AV Warehouse Ltd | € 6,002.45 |
| 5 | DO 032/2022 | Renewal of Check Point firewall licences (Gozo Offices) for 3 years | 13/01/2023 | Computime Ltd | € 48,251.07 |
| 6 | DO 010/2023 | Updates, maintenance and deployments for Hale Connect license | 19/01/2023 | Wetransform Gmbh | € 7,430.00 |
| 7 | DO 002/2023 | Provision of PR and marketing services | 25/01/2023 | Raymond De Bono | € 9,776.26 |
| 8 | DO 011/2023 | MASP Awards 2022 - Venue hiring and stand up reception | 01/02/2023 | Spinola Development Co Ltd | € 9,800.00 |
| 9 | DO 012/2023 | MASP Awards 2022 - Provision of cocktail reception, crew station, chair covers, hostesses, parking tickets and handling fee, and MASP Jury Tour (1st to 2nd April 2023) | 01/02/2023 | EC Meetings Company Ltd | € 7,563.81 |
| 10 | DO 013/2023 | MASP Awards 2022 - Provision of sound and light equipment | 01/02/2023 | Transient Light & Sound Ltd | € 5,200.00 |

| Nru. | Nru. ta' Referenza tad-Direct Contract | Titlu tad-Direct Contract/ Suġġett tad-Direct Contract | Data tal-Għotja | Isem tal-Kuntrattur | Valur tal-Kuntratt VAT Eskluż |
|---|---|---|---|---|---|
| *No.* | *Direct Contract Reference No.* | *Direct Contract Title/Subject of Direct Contract* | *Award Date* | *Contractor's Name* | *Contract Value Excl. VAT* |
| 11 | DO 014/2023 | MASP Awards 2022 - Supply of extra lighting, carpet entrance, carpet photowall and crew | 01/02/2023 | Jugs Malta | € 8,408.00 |
| 12 | DO 015/2023 | MASP Awards 2022 - Supply of video projectors, video control, video services, video monitors, video distribution, and crew | 01/02/2023 | Mad About Video Ltd | € 7,993.60 |
| 13 | DO 016/2023 | MASP Awards 2022 - Suppy of screens, carpet staging, stage, and platforms for cameras | 01/02/2023 | Sign It Group Ltd | € 8,469.00 |
| 14 | DO 017/2023 | MASP Awards 2022 - Provision of 4 interval acts at the MASP Award Ceremony | 01/02/2023 | BAJJA | € 9,450.00 |
| 15 | DO 018/2023 | Renewal of Bitdefender Gravity Zone Business Security for 12 months | 02/02/2023 | Fonicom Ltd | € 8,114.40 |
| 16 | DO 019/2023 | Supply of Parallels RAS PILOT licenses for 90 days for 380 users | 02/02/2023 | Fonicom Ltd | € 9,999.00 |
| 17 | DO 020/2023 | The scope of work covered the planning and carrying out of 2 cross sectional research survey amongst the Maltese population to investigate topics in relation to the Planning Authority | 17/02/2023 | Dr Vincent Marmara | € 9,200.00 |
| 18 | DO 021/2023 | Provision of professional services of Perit in relation to the preparation of a works tender | 11/03/2023 | Hermann Bonnici | € 9,531.00 |
| 19 | DO 022/2023 | Renewal of Vmware licenses for 12 months | 16/03/2023 | Computime Ltd | € 8,444.75 |
| 20 | DO 023/2023 | MASP Awards 2022 - Supply of coffee table MASP publication | 16/04/2023 | Kite Group | € 9,025.45 |
| 21 | DO 024/2023 | Provision of consultancy services related to planning and development management | 18/04/2023 | Anthony Borg | € 10,000.00 |
| 22 | DO 025/2023 | Provision of Official Partnership Package (Gwida.mt), May 2023 to April 2024 | 20/04/2023 | Content House Ltd | € 5,500.00 |
| 23 | DO 026/2023 | Provision of PR and marketing services | 25/04/2023 | Raymond De Bono | € 9,776.26 |
| 24 | DO 027/2023 | Hiring of billboards and LED screens for Irrestawra Darek campaign | 02/05/2023 | Communique Ltd | € 6,200.00 |

| Nru. *No.* | Nru. ta' Referenza tad-Direct Contract *Direct Contract Reference No.* | Titlu tad-Direct Contract/ Suġġett tad-Direct Contract *Direct Contract Title/Subject of Direct Contract* | Data tal-Għotja *Award Date* | Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name* | Valur tal-Kuntratt VAT Eskluż *Contract Value Excl. VAT* |
|---|---|---|---|---|---|
| 25 | DO 028/2023 | Supply of Parallels RAS PILOT licenses for 60 days for 300 users | 08/05/2023 | Fonicom Ltd | € 6,000.00 |
| 26 | DO 003/2023 | Provision of consultancy services on Microsoft systems | 16/05/2023 | TriStratus Ltd | € 6,200.00 |
| 27 | DO 032/2023 | Chairperson of the Development Planning Fund Committee (DPFC) | 16/05/2023 | Raymond Farrugia | € 9,100.00 |
| 28 | DO 029/2023 | Provision of actor services - Gilormu Cassar | 17/05/2023 | Mark Schembri | € 5,600.00 |
| 29 | DO 030/2023 | Installation, connecting up and commissioning of UPS | 29/05/2023 | VSS Ltd | € 7,418.28 |
| 30 | DO 033/2023 | Staff Gathering | 23/06/2023 | Intercontinental Malta | € 11,822.03 |

MALTA STRATEGIC PARTNERSHIP PROJECTS LTD

Lista ta' direct orders mogħtija minn Malta Strategic Partnership Projects Ltd matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2023 sat-30 ta' Ġunju, 2023, ippubblikata skont l-Artikolu 111 (2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (A.L. 352/2016) u ċ-Ċirkolari 02/2017 tat-23 ta' Jannar 2017, maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

L-1 ta' Marzu, 2024

MALTA STRATEGIC PARTNERSHIP PROJECTS LTD

List of direct orders awarded by Malta Strategic Partnership Projects Ltd during the period between 1st January, 2023 and 30th June, 2023, published in terms of Article 111 (2) of the Public Procurement Regulations (L.N. 352/2016) and of Circular 02/2017 of 23rd January, 2017, issued by the Department of Contracts.

1st March, 2024

**Kuntratti tad-Direct Order/*Direct Order Contracts***

| Ref. Nru. *Ref. No.* | Nru. ta' Referenza tad-Direct Order *Direct Order Reference No.* | Isem tad-Direct Order/ Suġġett tad-Direct Order *Direct Order Name/ Subject of Direct Order* | Data Approvata *Approved Date* | Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name* | Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT* |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | POR-600 | Provision of Financial and Economic Studies | 14/2/2023 | Alecta Advisors | €9,543.75 |
